2025/1505

28.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1505

tal-25 ta' Lulju 2025

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tar-reżini epossidiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan, u mit-Tajlandja u li jtemm l-investigazzjoni fuq importazzjonijiet tar-reżini epossidiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fl-1 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet tar-reżini epossidiċi ("reżini epossidiċi") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mir-Repubblika tal-Korea, mit-Tajwan u mit-Tajlandja (ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, it-Tajwan u t-Tajlandja huma kkunsidrati wkoll bħala "l-pajjiżi kkonċernati") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment li ġie ppreżentat fis-6 ta' Ġunju 2024 ("l-ilment") mill-Koalizzjoni *Ad Hoc* tal-produtturi tar-Reżini Epossidiċi ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tar-reżini epossidiċi fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2714 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

1.3. Miżuri proviżorji

(4) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fit-30 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet sommarju tad-dazji proposti u dettalji dwar il-kalkolu tal-marġni tad-dumping u l-marġni adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien tliet ijiem tax-xogħol. Aditya Birla Chemicals (Thailand) Limited ("Aditya Birla") ippreżentat kummenti dwar id-dokument ta' qabel id-divulgazzjoni. Għalkemm l-istedina għall-kummenti kienet limitata għall-preċiżjoni tal-kalkoli ([4]), Aditya Birla ppreżentat għadd ta' kummenti dwar is-sustanza. Dawn il-kummenti ġew sussegwentement ripetuti wara d-divulgazzjoni proviżorja u huma indirizzati hawn taħt.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/4137, 1.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4137/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2714 tal-24 ta' Ottubru 2024 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' reżini tal-epossi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan u t-Tajlandja soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2024/2714, 25.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2714/oj).
([4]) Id-dokument ta' qabel id-divulgazzjoni jiddikjara b'mod espliċitu li: "Jenħtieġ li l-kummenti jkunu limitati għall-preċiżjoni tal-kalkoli. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni biss il-kummenti rigward l-iżbalji klerikali. Dawn jinkludu żbalji fiż-żieda, fit-tnaqqis, jew funzjoni aritmetika oħra, żball li jirriżulta minn ikkupjar mhux preċiż, duplikazzjoni, applikazzjoni ta' unitajiet inkonsistenti ta' kejl jew rati ta' konverżjoni u kwalunkwe tip simili ieħor ta' żball li l-Kummissjoni tikkunsidra li huwa klerikali. Kwalunkwe kumment ieħor se jiġi kkunsidrat biss wara d-divulgazzjoni tal-miżuri proviżorji."

(5) Fis-27 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet tar-reżini epossidiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mit-Tajlandja bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/393 ([5]) ("ir-Regolament proviżorju").

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(6) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping proviżorju ("divulgazzjoni proviżorja"), produttur esportatur Tajlandiż: Aditya Birla; produttur esportatur Tajlandiż: Nan Ya Plastics Corporation ("Nan Ya"); Il-Kumitat tar-reżina epossidika u l-applikazzjonijiet tal-federazzjoni Ċiniża tal-industrija taż-żejt u tal-kimika ("ERC"), li jaġixxi f'isem il-produtturi Ċiniżi tal-epossi, sostna li l-industrija tal-Unjoni ([6]); l-ilmentatur; u żewġ importaturi mhux relatati: QR Polymers u De Monchy, ressqu sottomissjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet proviżorji sal-iskadenza prevista fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju.

(7) Ingħatat l-opportunità li jinstemgħu lill-partijiet li talbuha. Saru seduti ma' Aditya Birla, Nan Ya, l-ilmentatur, l-ERC kif ukoll QR Polymers u De Monchy.

(8) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet proviżorji tagħha meta kien xieraq.

(9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti epossidiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mit-Tajlandja u tittermina l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' reżini epossidiċi fir-Repubblika tal-Korea ("divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(10) Il-partijiet li għamlu t-talba ngħataw ukoll opportunità li jinstemgħu. Seduti ma' Aditya Brila seħħew fit-23 ta' Mejju 2025.

(11) Fit-2 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' divulgazzjoni finali addizzjonali li fih tispjega l-aġġustamenti li saru abbażi tal-kummenti li rċeviet bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali tat-8 ta' Mejju 2025, u l-ġustifikazzjoni tagħhom.

(12) Aditya Birla ppreżentat kummenti dwar id-divulgazzjoni finali addizzjonali, fejn talbet li l-Kummissjoni tiżgura trattament ugwali tal-partijiet interessati kollha u li tqis il-kummenti ppreżentati bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali. Fid-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-Kummissjoni indirizzat biss l-aġġustamenti li saru wara l-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali. Għall-kuntrarju tal-allegazzjoni, il-partijiet interessati kollha ġew ittrattati bl-istess mod peress li l-kummenti kollha dwar id-divulgazzjoni finali kienu ġew indirizzati kif xieraq.

(13) Saret seduta ta' smigħ ma' Aditya Birla fl-11 ta' Ġunju 2025 u ma' QR Polymers fl-20 ta' Ġunju 2025.

1.5. **Pretensjonijiet fil-bidu**

(14) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ERC tenna l-pretensjoni tiegħu stabbilita fil-premessi 6 sa 8 tar-Regolament proviżorju, billi invoka ksur serju tad-drittijiet proċedurali tad-difiża tiegħu minħabba sommarji mhux kunfidenzjali defiċjenti u nuqqas ta' analiżi ta' ċerti fatturi ta' dannu elenkati fl-Artikolu 3(3) u (5) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, Aditya Birla tenniet il-pretensjoni tagħha dwar il-kunfidenzjalità eċċessiva mogħtija mill-Kummissjoni lill-ilmentatur u invokat ksur tad-dritt tad-difiża u protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Aditya Birla argumentat li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni u evidenza mhux redatti, affidabbli, il-kumpaniji kellhom jaġixxu mingħajr ċertezza sħiħa u ma setgħux jaċċertaw l-affidabbiltà tad-data li fuqha l-Kummissjoni bbażat ruħha biex tistabbilixxi s-sejbiet fir-Regolament proviżorju.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/393 tas-26 ta' Frar 2025 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' reżini epossidiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, it-Tajwan u t-Tajlandja (ĠU L, 2025/393, 27.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/393/oj).

([6]) Li jirrappreżenta lil Jiangsu Sanmu Group Co., Ltd, Jiangsu Kumho Yangnong Chemical Co. Ltd, Jiangsu Ruiheng New Material Technology Co., Ltd, u Nantong Xingchen Synthetic Material Co. Ltd.

(15) Kif stabbilit fir-Regolament proviżorju (ara l-premessi 10 sa 12 u 14), il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment u l-eżibiti tiegħu, inkluża data ulterjuri mqiegħda fil-fajl miftuħ wara l-bidu u fl-aħħar mill-aħħar is-sejbiet proviżorji estensivi tal-Kummissjoni fir-Regolament proviżorju, ippermettew lill-partijiet fehim raġonevoli tas-sustanza inkluża f'dawn id-dokumenti. Barra minn hekk, il-partijiet ma wrewx kif sommarji mhux kunfidenzjali aktar dettaljati jew analiżi tad-dannu addizzjonali fl-ilment ikollhom impatt fuq il-proċediment kurrenti u jipproteġu d-drittijiet proċedurali tal-partijiet.

(16) Il-Kummissjoni wettqet skrutinju oġġettiv u estensiv tal-allegazzjonijiet li saru mill-ilmentatur qabel ma bdiet l-investigazzjoni u aktar tard wettqet investigazzjoni ta' tiftix tal-fatti indipendenti, li rriżultat fis-sejbiet proviżorji. Għalhekk, il-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq l-ilment u l-allegazzjonijiet li saru fih u minflok għamlet is-sejbiet proprji tagħha kemm fl-istadju proviżorju kif ukoll f'dak definittiv, abbażi ta' eżami oġġettiv tad-data rilevanti miksuba b'mod indipendenti matul dan il-proċediment. Għalhekk, l-argumenti tal-ERC u ta' Aditya Birla ġew miċħuda.

(17) Bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla sostniet ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tispjega għaliex il-konflazzjoni tal-indikaturi mikroekonomiċi u makroekonomiċi kienet meqjusa raġonevoli. Kif diġà ġie spjegat fil-premessa 10 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni aċċettat firxiet għall-indikaturi mikroekonomiċi u makroekonomiċi minħabba l-istruttura tal-industrija tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, il-firxiet mogħtija għall-indikaturi tad-dannu pprovdew dettall suffiċjenti biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata u biex jivvalutaw ix-xejriet tal-indikaturi kollha tad-dannu, speċjalment peress li barra minn hekk kien provdut indiċi għall-perjodu kkunsidrat għal kull indikatur.

(18) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla sostniet li ġew miksura d-drittijiet tagħha tad-difiża minħabba l-bidla fil-perjodu ta' investigazzjoni, li huwa differenti fl-ilment u fil-proċediment innifsu. B'mod aktar speċifiku, l-produttur esportatur qajjem dubji dwar il-bażi legali għall-modifika unilaterali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-perjodu ta' investigazzjoni. Kif stabbilit fil-premessa 42 tar-Regolament proviżorju, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, perjodu ta' investigazzjoni jrid, normalment, ikopri perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur immedjatament qabel il-bidu tal-proċedimenti. Fil-kuntest ta' dan ir-rekwiżit, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni fl-għażla tal-perjodu ta' investigazzjoni, sa fejn din l-għażla tippermetti sejba rappreżentattiva, bl-użu ta' informazzjoni li tkun kemm jista' jkun riċenti, u ma hemm l-ebda rekwiżit legali fir-Regolament bażiku li l-perjodu magħżul għall-investigazzjoni jkun l-istess bħal dak magħżul mill-ilmentaturi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għażlet il-perjodu ta' investigazzjoni li jintemm tliet xhur qabel il-bidu tal-investigazzjoni, li huwa konformi mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, kif ukoll mal-prattika stabbilita, filwaqt li ppermettiet ukoll il-ġbir tad-data mill-Unjoni, mill-produtturi esportaturi u minn sorsi statistiċi oħra. Għalhekk, l-allegazzjoni ta' Aditya Birla hija miċħuda.

1.6. **Kampjunar**

(19) Ma wasal l-ebda kumment rigward il-kampjunar. Għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessi 21 sa 34 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

(20) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Nan Ya talbet l-esklużjoni tar-reżini epossidiċi ta' speċjalità, inklużi r-reżini epossidiċi novolac, ir-reżini epossidiċi bromurati, u r-reżini epossidiċi BPF, mill-ambitu tal-prodott. Nan Ya tenniet it-talba tagħha wkoll bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali mingħajr ma ppreżentat evidenza ġdida f'dan ir-rigward. Dak l-esportatur produttur Tajwaniż argumenta li dawn il-prodotti huma prodotti minn materja prima differenti, għandhom karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi differenti (biex ikunu kimikament u termalment aktar stabbli u reżistenti jew ikollhom livelli baxxi ta' karbonju inkorporati fihom), applikazzjonijiet speċjalizzati, u interkambjabbiltà limitata ma' reżini epossidiċi konvenzjonali, u huma perċepiti b'mod differenti mill-konsumaturi. Barra

minn hekk, Nan Ya talbet l-esklużjoni tar-reżini epossidiċi solidi, li skont Nan Ya huma prodotti permezz ta' proċess differenti (fejn huma involuti stadji addizzjonali tal-produzzjoni) u għandhom interkambjabbiltà limitata ma' reżini epossidiċi likwidi konvenzjonali. Skont Nan Ya, l-esklużjoni ta' dawn il-prodotti mill-ambitu tal-prodott mhux se timpedixxi l-effettività tal-miżuri anti-dumping, peress li dawn jirrappreżentaw proporzjon żgħir tas-suq tal-Unjoni, il-produzzjoni domestika tal-Unjoni, u l-importazzjonijiet. Barra minn hekk, De Monchy ppreżenta bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja li jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra d-differenzjazzjoni tal-gradi b'bażi bijoloġika u ta' speċjalità tar-reżini epossidiċi minn tipi oħra ta' reżina għal klassifikazzjoni u implikazzjonijiet tariffarji aktar preċiżi.

(21) L-ewwel nett, skont il-punt 2 tan-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jippreżentaw informazzjoni dwar l-ambitu tal-prodott ġew mistiedna jagħmlu dan fi żmien 10 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika.(għalhekk sa mhux iktar tard mill-11 ta' Lulju 2024). La Nan Ya u lanqas De Monchy ma ppreżentaw xi kumment jew sottomissjoni dwar din il-kwistjoni sa din l-iskadenza.

(22) It-tieni, it-tipi ta' reżina epossidika kkontestati kollha jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott kif stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament proviżorju, li ma ġietx ikkontestata mill-partijiet. Huwa enfasizzat u jirriżulta b'mod ċar mill-ilment, in-Notifika tal-Bidu, kif ukoll ir-Regolament proviżorju li, kemm ir-reżini epossidiċi b'bażi konvenzjonali kif ukoll ir-reżini ta' speċjalità huma kkunsidrati bħala l-prodott ikkonċernat. Hija l-kompożizzjoni kimika bażika u l-materja prima użati li jiddefinixxu r-reżini epossidiċi f'dan il-każ – ir-reżini epossidiċi kollha kif definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament proviżorju, inklużi r-reżini ta' speċjalità jew ir-reżini epossidiċi solidi huma polimeri jew prepolimeri li fihom gruppi reattivi tal-epossi u jużaw l-epikloroidrin u komponent alkoħoliku alifatiku jew aromatiku bħala elementi fundamentali, u dan jagħmilhom il-prodott ikkonċernat.

(23) Mhuwiex ikkontestat li t-tipi ta' reżini epossidiċi deskritti fil-premessa 20 jista' jkollhom diversi applikazzjonijiet u karatteristiċi kemxejn differenti, li jista' jkollhom stadji addizzjonali tal-produzzjoni, prestazzjoni mtejba, stabbiltà jew reżistenza kimika aħjar, li huma aktar ekoloġiċi jew li d-domanda għal dawn ir-reżini u b'mod korrispondenti l-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet tagħhom huma limitati. Madankollu, il-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi tad-diversi tipi ta' reżina epossidika huma simili, u kollha għandhom proprjetajiet jibbiesu bis-sħana u huma prodotti bl-użu ta' proċess ta' produzzjoni simili. Barra minn hekk, kemm it-tipi ta' reżina ta' speċjalità kif ukoll dik bażika jinxtraw mingħand il-produtturi mill-istess klijenti. Għalhekk, il-perċezzjoni tal-klijenti hija li dawn il-prodotti huma simili, u r-reżini epossidiċi jinbiegħu lill-klijenti li jużaw l-istess mezzi ta' bejgħ jew simili. Barra minn hekk, il-fatt li r-reżini ta' speċjalità ġew prodotti fl-Unjoni jew importati fi kwantitajiet iżgħar mhuwiex suffiċjenti biex jeskludihom mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proċediment. Fi kwalunkwe każ, Nan Ya u De Monchy ma pprovdewx data rilevanti u verifikabbli, li tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta kif xieraq il-pretensjoni għall-esklużjoni tal-prodott. Għalhekk, il-pretensjonijiet ta' Nan Ya u De Monchy kienu miċħuda peress li mhumiex iġġustifikati.

(24) Bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja, QR Polymers affermat ukoll li l-Kummissjoni żbaljat meta ma kkunsidratx l-aġenti solidifikanti fl-analiżi tagħha, filwaqt li l-aġenti solidifikanti jużaw ir-reżina epossidika bħala materja prima u huma offruti f'pakkett b'reżini epossidiċi. Il-Kummissjoni fakkret li n-Notifika tal-Bidu kif ukoll l-Artikolu 1 tar-Regolament proviżorju ddefinixxew b'mod ċar l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni. Madankollu, il-prodotti downstream mill-prodott ikkonċernat, għalkemm jużaw il-prodott ikkonċernat bħala materja prima, jew prodotti mibjugħa flimkien ma' prodott ikkonċernat mhumiex koperti minn din l-investigazzjoni. QR Polymers tenniet l-pretensjoni tagħha wara d-divulgazzjoni finali, u argumentat li l-aġenti solidifikanti mhumiex użu downstream tar-reżini epossidiċi, iżda ta' użu parallel, u mhumiex biss kwalunkwe parti komponenti ta' pakkett arbitrarju, iżda huma vitali biex isir ix-xogħol tar-reżina, u viċi versa. Il-Kummissjoni ddikjarat mill-ġdid li l-aġenti solidifikanti nfushom mhumiex parti mill-ambitu tal-prodott ta' din l-investigazzjoni, irrispettivament minn jekk humiex prodotti downstream jew prodotti użati b'mod parallel mar-reżini epossidiċi. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-pretensjonijiet ta' QR Polymer kellhom jiġu miċħuda.

(25) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor rigward l-ambitu tal-prodott u l-prodott simili, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi 44 sa 55 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3. **DUMPING**

3.1. **Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

3.1.1. *Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku*

(26) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, is-sejbiet fit-Taqsima 3.1.1 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.2. *Valur normali*

3.1.2.1. Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti

(27) Wara d-divulgazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-ERC. L-ewwel, l-ERC argumenta li r-Rapport jonqos milli jissodisfa l-istandards ta' evidenza imparzjali u oġġettiva u evidenza ta' valur probatorju suffiċjenti. Huwa argumenta li l-fatt li r-Rapport ġie abbozzat bil-ħsieb ta' objettiv intenzjonat, jiġifieri li jagħmilha faċli għall-industriji tal-Unjoni li jipprežentaw ilment fil-qasam tal-miżuri kummerċjali, ineħħi awtomatikament kwalunkwe probabbiltà ta' analiżi imparzjali u oġġettiva tal-ekonomija Ċiniża. L-ERC sostna wkoll li l-valur probatorju tar-Rapport huwa dubjuż peress li r-Rapport deliberatament iħalli barra ċirkostanzi, elementi u konklużjonijiet fattwali, li jkunu jikkontradixxu jew idgħajfu l-iskop parzjali li għalih ikun tħejja.

(28) It-tieni, l-ERC argumenta li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jidher li huwa inkompatibbli mal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping (l-"ADA tad-WTO"). Huwa ddikjara li l-Artikolu 2.2 tal-ADA tad-WTO ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti u li ma jippermettix l-użu ta' data minn pajjiż rappreżentattiv xieraq jew prezzijiet internazzjonali biex jinħadem il-valur normali. B'mod speċifiku, l-Artikolu 2.2 tad-WTO jippermetti biss l-użu tal-kost tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-kostijiet u l-profitti amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali meta jinħadem il-valur normali.

(29) It-tielet, skont l-ERC, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jidher inkompatibbli mal-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA tad-WTO u mal-interpretazzjoni tiegħu mill-Korp tal-Appell, ipprovduta fil-kawża UE – Biodiesel (l-Arġentina) (DS473) (minn hawn 'il quddiem "UE-Biodiesel") li stabbiliet li l-awtoritajiet investigattivi jridu jużaw il-kostijiet tal-prodott fil-fatt imġarrba mill-produtturi jew mill-esportaturi għall-kalkolu tal-valuri normali maħduma. Tabilħaqq, l-ERC talab lill-Kummissjoni taċċetta l-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi rrappurtati mill-esportaturi Ċiniżi li kkooperaw.

(30) Fir-rigward tal-pretensjoni tal-ERC li r-Rapport mhuwiex oġġettiv jew imparzjali, il-Kummissjoni tinnota li r-Rapport huwa dokument komprensiv ibbażat fuq evidenza oġġettiva estensiva, inklużi l-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti u dokumenti ta' politika uffiċjali oħra ppubblikati mill-GOC, rapporti ta' partijiet terzi minn organizzazzjonijiet internazzjonali, studji akkademiċi u artikli minn akkademiċi, u sorsi indipendenti affidabbli oħra. Dan sar disponibbli għall-pubbliku sa minn Diċembru 2017 sabiex kwalunkwe parti interessata jkollha biżżejjed opportunità biex tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwaru u dwar l-evidenza li huwa bbażat fuqha. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Kummissjoni rrevediet ir-Rapport u ppubblikat verżjoni aġġornata f'April 2024. Il-Kummissjoni tinnota li l-ERC ma pprovda l-ebda konfutazzjoni dwar is-sustanza u l-evidenza li tinsab fir-Rapport. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(31) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) huma kompletament konsistenti mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea u l-ġurisprudenza ċċitata mill-ERC. Fil-bidu, il-Kummissjoni tinnota li r-Rapport tad-WTO dwar l-UE – Biodiesel ma kienx jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, iżda ta' dispożizzjoni speċifika tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, il-liġi tad-WTO kif interpretata mill-Bord tad-WTO u mill-Korp tal-Appell fil-kawża UE – Biodiesel tippermetti l-użu ta' data minn pajjiż terz, debitament aġġustata meta dan l-aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa biex jinħadem il-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprevedi l-ħdim tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ afuq il-bażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni tal-ERC.

3.1.2.2. Pajjiż rappreżentattiv

(32) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tuża lill-Malażja bħala sors ta' parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-epikloroidrin (ECH) u s-soda kawstika, filwaqt li t-Tajlandja ntgħażlet bħala sors għall-fatturi l-oħra kollha ta' produzzjoni, l-SG & A u l-profitt.

(33) Il-Kummissjoni kkjarifikat li, għal żewġ fatturi ta' produzzjoni biss (l-"FOP", factors of production), jiġifieri l-ECH u s-soda kawstika, li għalihom l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu jirrappreżentaw 75 % u 62 % tal-importazzjonijiet kollha rispettivament, il-Kummissjoni reġgħet lura għall-Malażja, peress li l-prezzijiet ta' dawk iż-żewġ FOPs fit-Tajlandja kienu kkunsidrati bħala distorti. Aditya Birla ma spjegatx fil-kummenti tagħha għaliex dan ikun żball fil-valutazzjoni u għalhekk dan il-kumment ġie miċħud.

(34) Wara d-divulgazzjoni finali, Aditya Birla tenniet it-tħassib tagħha dwar l-użu tal-Malażja bħala punt ta' riferiment xieraq għall-ECH u s-soda kawstika, filwaqt li t-Tajlandja ntużat għal inputs oħra, il-kostijiet SG & A, u l-profitti. Aditya Birla ddikjarat li billi użat żewġ pajjiżi biex tistabbilixxi parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni wettqet żball legali li jinvalida r-riżultati tal-investigazzjoni kollha. Fi kliem ieħor, argumentat li jekk il-Malażja kellha tintuża għal ċerti fatturi ta' produzzjoni, dan kien ifisser li l-"pajjiż rappreżentattiv ewlieni" (jiġifieri t-Tajlandja) ma kienx għażla tajba.

(35) Aditya Birla rreferiet għall-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 2(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2423/88 ([7]), li ma għadux fis-seħħ, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping jew sussidjati, li ppreveda l-metodoloġija applikabbli għal pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. ([8]) ([9]) Barra minn hekk, hija rreferiet għall-Kawża T-326/21, fejn il-Qorti tenniet l-obbligu tal-Kummissjoni li tqis il-fatturi essenzjali u rilevanti kollha fid-determinazzjoni tal-adegwatezza tal-pajjiż magħżul u enfasizzat li dawn il-fatturi jridu jiġu eżaminati bid-diliġenza meħtieġa biex jiġi żgurat li l-valur normali tal-prodott investigat jiġi ddeterminat b'mod xieraq u raġonevoli. ([10]) Abbażi ta' dan, Aditya Birla sostniet li l-Kummissjoni jenħtieġ li tipproċedi jew b'pajjiż rappreżentattiv differenti jew ittemm l-investigazzjoni kurrenti u tibda waħda ġdida.

(36) Il-Kummissjoni rrifjutat il-pretensjoni ta' Aditya Birla. Aditya Birla naqset milli tispjega għaliex l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma jippermettix l-użu tat-tieni pajjiż għall-istabbiliment tal-parametru referenzjarju ta' ċerti fatturi ta' produzzjoni meta l-Kummissjoni tikkonkludi li dawk kienu l-aktar xierqa f'każ partikolari. Il-ġurisprudenza invokata minn Aditya Birla hija jew irrilevanti jew ma tappoġġax il-pretensjoni tagħha. Tabilħaqq, iż-żewġ każijiet mis-snin disgħin li l-kumpanija qed isserraħ fuqhom, jikkonċernaw l-Artikolu 2(5)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2423/88 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping jew sussidjati u l-metodoloġija applikabbli, dak iż-żmien, għal pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonformat bis-sħiħ mal-istandard stabbilit mill-Qorti fil-Kawża T-326/21: hija eżaminat bir-reqqa l-fatturi essenzjali u rilevanti kollha biex tagħżel pajjiż rappreżentattiv u aġixxiet bid-diliġenza meħtieġa biex tiżgura li l-valur normali tal-prodott li qed jiġi investigat ġie ddeterminat b'mod xieraq u raġonevoli. Fl-aħħar nett, mhuwiex rari li l-pajjiż rappreżentattiv xieraq magħżul jista' ma jkunx adattat għal kull fattur ta' produzzjoni. Għalhekk, jekk jiġi aċċettat, l-argument imressaq minn Aditya Birla jagħmel l-Artikolu 2 (6a) u l-metodoloġija kollha dwar id-distorsjonijiet sinifikanti inapplikabbli f'għadd sostanzjali ta' każijiet. Barra minn hekk, l-argument tal-applikant jinjora l-fatt li l-lista ta' sorsi pprovduta fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(6a)(a) ma hijiex eżawrjenti, u li l-ewwel inċiż ta' dak il-paragrafu ma jirrikjedix l-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq wieħed biss. Minflok, tipprovdi gwida dwar kif issir l-għażla meta jkunu xierqa diversi pajjiżi rappreżentattivi xierqa. Dan ma huwiex il-każ hawnhekk, peress li t-Tajlandja kienet manifestament inadegwata għall-ECH – punt li lanqas biss kien ikkontestat minn Aditya Birla.

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2423/88 tal-11 ta' Lulju 1988 dwar il-protezzjoni kontra prodotti importati li jkunu dumped jew sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 209, 2.8.1988, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1988/2423/oj).

([8]) Il-Kawża C-16/90, *Detlef Nolle, li topera bħala "Eugen Nolle" vs Hauptzollamt Bremen-Freihafen*, 22 ta' Ottubru 1991, ECLI:EU:C:1991:402, il-punt 13.

([9]) Il-Kawża C-26/96, *Rotexchemie International Handels GmbH & Co. vs Hauptzollamt Hamburg-Waltershof*, 29 ta' Mejju 1997, ECLI:EU:C:1997:261, il-punt 23.

([10]) Il-Kawża T-326/21, *Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni*, 21 ta' Ġunju 2023, ECLI:EU:T:2023:347, il-punt 128.

3.1.2.3. Kostijiet u parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni

(37) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Jiangsu Sanmu nnutat li l-Kummissjoni użat l-importazzjonijiet tal-"Idrossidu tas-Sodju (Soda Kaustika): F'Soluzzjoni Milwiema (Lissija tas-Soda jew Soda Likwida)" fil-Malażja kif irrappurtat mill-GTA bħala prezz referenzjarju tas-soda kawstika. Jiangsu Sanmu argumentat li dan il-prezz ma kienx jirrifletti b'mod preċiż iż-żewġ gradi tas-soda kawstika (32 % u 50 % tal-konċentrazzjoni) użata fil-proċess ta' produzzjoni tar-reżini epossidiċi tagħhom. Minflok, huma pproponew li tintuża medja tal-prezzijiet referenzjarji internazzjonali miksuba mill-fornituri tal-industrija Chemical Market Analytics ([11]) (is-"CMA") ta' Opis, affiljata ta' Dow Jones, u Argus Chemical Market Reports ([12]) (l-"Argus"), li t-tnejn li huma jirrappurtaw il-prezz tal-kost u n-nol ("CFR", cost and freight) għall-grad ta' 100 %, jiġifieri soda kawstika solida, fix-Xlokk tal-Asja. Il-prezz għal gradi differenti tas-soda kawstika mbagħad jinkiseb billi l-prezz għal grad ta' 100 % jiġi mmultiplikat bil-perċentwali tal-konċentrazzjoni. Bl-użu ta' dan il-metodu, il-prezzijiet għall-gradi ta' 32 % u 50 % huma rispettivament 0,98 CNY/kg u 1,53 CNY/kg.

(38) Fil-premessa 139 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-GTA pprovdiet prezz għal taħlita ta' gradi differenti tas-soda kawstika minflok parametri referenzjarji preċiżi għall-gradi speċifiċi użati mill-produtturi esportaturi. Madankollu, fin-nuqqas ta' alternattivi aktar preċiżi f'dan l-istadju, il-Kummissjoni għażlet li tibbaża ruħha fuq il-GTA. Il-metodu propost ta' Jiangsu Sanmu offra l-vantaġġ li jiġu ddeterminati l-prezzijiet abbażi tal-livelli ta' konċentrazzjoni, bl-użu ta' parametri referenzjarji rikonoxxuti tas-settur tas-sustanzi kimiċi li jipprovdu b'mod indipendenti ċifri kważi identiċi għas-soda kawstika. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping tal-produtturi Ċiniżi kollha inklużi fil-kampjun abbażi tal-parametri referenzjarji deskritti fil-premessa 34.

(39) Peress li l-prezzijiet ipprovduti kienu fil-livell tas-CFR (kost u nol) aktar milli fil-livell tas-CIF (kost, assigurazzjoni u nol) użat fil-kalkolu tal-valur normali, il-Kummissjoni applikat aġġustament għall-assigurazzjoni. Skont sorsi disponibbli għall-pubbliku, il-primjums tal-assigurazzjoni tal-merkanzija marittima tipikament ivarjaw bejn 0,2 % u 2 % tal-valur tal-vjeġġ ([13]), skont in-natura tal-oġġetti. Data vverifikata mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun tindika li l-kostijiet tal-assigurazzjoni għat-tbaħħir ta' reżini epossidiċi kienu jvarjaw bejn 0,1 % u 0,5 % tal-valur tal-vjeġġ. Minħabba li s-soda kawstika hija aktar perikoluża għat-trasport mir-reżini epossidiċi, il-Kummissjoni żiedet primjum tal-assigurazzjoni ta' 1 % maċ-ċifri tas-CFR biex tikseb il-parametri referenzjarji finali għas-soda kawstika fil-livell tas-CIF. Din ir-rata taqa' fil-firxa osservata tal-industrija u tirrifletti r-riskju akbar assoċjat mat-tbaħħir ta' sustanza kimika korrużiva bħas-soda kawstika, li tirrikjedi miżuri ta' sikurezza mtejba u proċeduri ta' mmaniġġjar aktar stretti. Il-primjum ta' 1 % għalhekk jirrappreżenta punt nofsani konservattiv iżda raġonevoli li jiżgura tqabbil ġust u aġġustat għar-riskju filwaqt li jevita stima eċċessiva.

(40) Wara d-divulgazzjoni finali, Sinochem argumentat li l-Kummissjoni kienet sopravalutat il-primjum tal-assigurazzjoni għat-trasport tas-soda kawstika. Hija sostniet li, anki jekk is-soda kawstika kienet iktar perikoluża mir-reżini epossidiċi, dan waħdu ma kienx jiġġustifika primjum tal-assigurazzjoni ogħla. Sinochem sostniet li l-primjum applikat għas-soda kawstika jenħtieġ li jkun l-istess bħal dak applikabbli għar-reżini epossidiċi, peress li s-soda kawstika hija materja prima kkunsmata fil-produzzjoni ta' reżini epossidiċi.

(41) Madankollu, Sinochem naqset milli tipprovdi kwalunkwe evidenza li ssostni l-affermazzjoni li anki jekk is-soda kawstika kienet aktar perikoluża mill-epossi, iż-żewġ prodotti kien ikollhom l-istess kost tal-assigurazzjoni tat-trasport. Huwa wkoll fatt stabbilit sew li l-materja prima jista' jkollha proprjetajiet fiżikokimiċi differenti, bħall-korrużjoni, meta mqabbla mal-prodotti finali u li żieda fil-korrużjoni tista' twassal għal primjum tal-assigurazzjoni ogħla ([14]). Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(42) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Sanmu kkontestat il-parametru referenzjarju tal-kost lavorattiv għat-Tajlandja propost mill-Kummissjoni (ekwivalenti għal 10,2 % tal-paga fis-siegħa) li jikkonsisti f'imposti ta' 5,2 % għall-impjegatur u imposti ta' 5 % għall-impjegat. Filwaqt li Sanmu qablet li l-imposti għall-impjegatur huma tabilħaqq ta' 5,2 %, hija argumentat li l-imposti addizzjonali għall-impjegat ma jiġġarrbux mill-impjegatur u għalhekk jenħtieġ li jiġu eskluż mill-kalkolu tal-parametru referenzjarju tax-xogħol mingħajr distorsjoni.

([11]) https://cma.opisnet.com/?utm_term=&utm_campaign=&utm_source=adwords&utm_medium=ppc&gad_source=1.
([12]) https://view.argusmedia.com/chemicals-market-reports.html.
([13]) https://freightinsurancecoverage.com/process/marine-cargo-insurance-cost.
([14]) https://traderiskguaranty.com/trgpeak/top-5-impact-insurance-costs.

(43) Il-Kummissjoni qablet li tikkunsidra biss l-imposti soċjali mġarrba direttament mill-impjegatur (jiġifieri 5,2 %) u rrevediet il-kalkolu tal-parametru referenzjarju tax-xogħol mingħajr distorsjoni kif xieraq.

(44) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Sanmu tenniet il-kumment tagħha stabbilit fil-premessa 146 tar-Regolament proviżorju li s-suppożizzjoni ta' ħin tax-xogħol fil-ġimgħa ta' 40 siegħa tissottovaluta l-ħin tax-xogħol reali, li jenħtieġ li jqis ukoll is-sahra. Biex tikkomplementa din il-pretensjoni, Sanmu rreferiet għall-bażi tad-data tal-istatistika tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, b'mod aktar speċifiku s-sett tad-data "Labor Force Survey", iffukata fuq is-settur tal-manifattura fit-Tajlandja ([15]). Abbażi ta' dan is-sors, jenħtieġ li s-sigħat medji tax-xogħol fil-ġimgħa fis-settur tal-manifattura fit-Tajlandja jkunu ta' 47,2 sigħat.

(45) Il-Kummissjoni ħadet nota tal-evidenza dokumentata minn Sanmu u emendat il-kalkolu tal-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-kostijiet lavorattivi billi kkunsidrat 47,2 sigħat fil-ġimgħa għat-Tajlandja.

(46) Bħala riżultat tal-bidliet diskussi fil-premessi 43 u 45, il-parametru referenzjarju rivedut għall-kostijiet lavorattivi huwa ugwali għal 15,01 CNY/siegħa.

(47) Sanmu ddikjarat ukoll li l-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-elettriku stabbilit mill-Kummissjoni kien jinkludi VAT ta' 7 % ([16]). Sanmu nnutat li fit-Tajlandja l-utenti industrijali jingħataw rifużjoni sħiħa tal-VAT u n-negozji jistgħu jitolbu lura l-VAT imħallsa fuq l-inputs ([17]). Għal din ir-raġuni, Sanmu talbet lill-Kummissjoni tnaqqas il-VAT ta' 7 % mill-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni tal-elettriku.

(48) Il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni. Huwa stabbilit sew li l-prezzijiet tal-elettriku fit-Tajlandja huma kkwotati mingħajr VAT. L-affermazzjoni ta' Sanmu hija bbażata fuq informazzjoni skorretta, li x'aktarx tirriżulta minn traduzzjoni ħażina għall-Ingliż. Is-siti web uffiċjali kemm tal-fornituri tal-elettriku tal-Istat – l-Awtorità Metropolitana tal-Elettriku (MEA) u l-Awtorità Provinċjali tal-Elettriku (PEA) – kif ukoll il-Kummissjoni Regolatorja tal-Enerġija (ERC), jiddikjaraw b'mod ċar li t-tariffi elenkati jeskludu l-VAT. Dawn is-siti web iservu bħala s-sorsi awtorevoli għall-ipprezzar tal-elettriku fit-Tajlandja. L-indikazzjoni espliċita ta' esklużjoni tal-VAT fuq dawn il-pjattaformi hija aċċessibbli għall-pubbliku.

(49) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Sanmu ddikjarat li filwaqt li stabbiliet parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-elettriku fit-Tajlandja, il-Kummissjoni ma ġġustifikatx l-għażla tagħha li tikkunsidra l-iskeda tariffarja Nru 4 (jiġifieri "Servizz Ġenerali Kbir") skont ir-regolament Tajlandiż rilevanti, li jikkorrispondi għall-konsum tal-enerġija l-aktar sinifikanti (konsum medju tal-enerġija li jaqbeż il-250 000 kWh kull xahar) u prezz bażi tal-elettriku ogħla. Sanmu talbet lill-Kummissjoni tuża l-kategorija l-aktar xierqa tal-konsum tal-elettriku bħala referenza abbażi tal-volumi ta' konsum ivverifikati tal-kumpanija Tajlandiża inkluża fil-kampjun Aditya Birla Chemicals (Thailand) Co., Ltd.

(50) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-fajl, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien xieraq li l-produtturi tal-epossi jiġu kklassifikati fil-faxxa tal-konsumaturi "Servizz Ġenerali Kbir". Il-volumi tal-konsum tal-elettriku għall-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun fiċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni ("PI") fil-fatt ikkonfermaw li l-għażla tal-iskeda tariffarja Nru 4 – jiġifieri, "Servizz Ġenerali Kbir" kienet xierqa.

(51) Wara d-divulgazzjoni finali, Sinochem Group ikkontesta l-użu tal-livell ta' vultaġġ "4.2.3: 22 kV" fil-kalkolu tal-kostijiet tal-elettriku, filwaqt li kkwota evidenza diġà pprovduta matul il-verifika li l-produtturi esportaturi tiegħu huma konnessi mal-grilja ta' 110 kV. Sinochem talbet reviżjoni biex tuża l-"4.2.1: 69 kV u ogħla" minflok.

(52) Il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni u rrevediet il-parametru referenzjarju tal-elettriku għall-produtturi esportaturi kkonċernati kif xieraq.

(53) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Sanmu identifikat żball klerikali fil-kalkolu tar-rata medja ponderata tal-elettriku (THB/CNY għal kull KWh).

([15]) L-ILO, il-bażi tad-data tal-Istatistika tal-Forza tax-Xogħol, "Mean weekly hours actually worked per employed person by sex and economic activity -- Annual", Thailand (https://rshiny.ilo.org/dataexplorer35/?lang=en&segment=indicator&id=HOW_TEMP_SEX_ECO_NB_A&ref_area=THA).

([16]) Il-Bord tal-Investiment tat-Tajlandja (https://www.boi.go.th/index.php?page=utility_costs&utm).

([17]) Il-PWC, "Thailand; Corporate – Other Taxes" (https://taxsummaries.pwc.com/thailand/corporate/other-taxes?utm).

(54) Wara l-kumment ippreżentat minn Sanmu, u wara li kkoreġiet il-kalkolu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel użu mid-data dettaljata dwar il-konsum tal-elettriku pprovduta mill-produtturi esportaturi kollha inklużi fil-kampjun. Minflok ma applikat medja ponderata ġenerali, il-Kummissjoni stabbiliet rata referenzjarja tal-elettriku speċifika għall-kumpaniji. Għal kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun, dan il-parametru referenzjarju ġie kkalkulat abbażi tal-konsum tal-elettriku fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti rispettiv tagħhom, fejn tali data kienet disponibbli. Imbagħad, l-użu rrappurtat ġie allokat kif xieraq għar-rati fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti applikabbli. F'każijiet fejn produttur ma jiddistingwix bejn konsum fl-eqqel sigħat u konsum fis-sigħat kwieti, il-Kummissjoni applikat ir-rata fl-eqqel sigħat, filwaqt li assumiet li r-rata fis-sigħat kwieti ma kinitx disponibbli għall-produttur esportatur partikolari.

(55) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi kemm it-tariffa tad-domanda kif ukoll it-tariffa tas-servizzi fil-parametru referenzjarju tar-rata tal-elettriku, biex tirrifletti kompletament il-kost tal-elettriku fil-pajjiż rappreżentattiv. It-tariffa tas-servizzi kienet espressa bħala ammont fiss kull xahar, filwaqt li t-tariffa tad-domanda ġiet stabbilita, f'kW, abbażi tal-kalkolu konservattiv tad-domanda tal-elettriku. Dan ġie stabbilit bid-diviżjoni tal-enerġija kkunsmata fl-eqqel sigħat totali bin-numru ta' sigħat ta' produzzjoni.

(56) Wara d-divulgazzjoni finali, Sinochem Group ikkontesta l-metodu tal-Kummissjoni li kif ġew assenjati l-kategoriji tal-elettriku speċifiċi għall-kumpanija għall-konsum fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti, u talab li ċerti kategoriji jiġu kklassifikati mill-ġdid.

(57) Il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni u emendat il-kategoriji tal-elettriku fejn kien ġustifikat.

(58) Wara d-divulgazzjoni finali, Sanmu u Sinochem ikkontestaw li l-Kummissjoni qieset bħala l-konsum fl-eqqel sigħat il-konsum tal-elettriku kollu tal-kumpaniji u li ma għamlitx distinzjoni bejn il-konsum fl-eqqel sigħat u l-konsum fis-sigħat kwieti. Sanmu argumentat li kien hemm informazzjoni pubblika disponibbli, provduta mill-Bord tal-Investiment tat-Tajlandja ([18]), dwar il-konsum fl-eqqel sigħat. Min-naħa l-oħra, Sinochem ipproponiet li tiġi applikata l-medja tal-konsum fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti, ibbażata fuq il-kumpaniji tal-grupp tagħha li rrapportaw din l-informazzjoni, għall-kumpanija li ma rrappurtathiex.

(59) Il-Kummissjoni eżaminat din il-pretensjoni u qablet li, minħabba n-natura kontinwa ta' 24 siegħa tal-proċess tal-produzzjoni, kien raġonevoli li jiġi allokat il-konsum tal-elettriku skont it-tariffa fil-Ħin tal-Użu (TOU). L-iskeda tal-eqqel sigħat taħt is-sistema tat-TOU hija ppubblikata mill-Awtorità Metropolitana tal-Elettriku (MEA) ([19]), li tiddefinixxi l-eqqel sigħat bħala dawk li jibdew mid-9:00 AM sal-10:00 PM, mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Dan jikkorrispondi għal 13-il siegħa kuljum għal ħamest ijiem fil-ġimgħa, jew madwar 38,7 % tas-sigħat totali fil-ġimgħa.

(60) Għaldaqstant, għall-kumpaniji li ma pprovdewx tqassim tal-konsum tal-elettriku skont il-perjodu ta' żmien, il-Kummissjoni allokat 38,7 % tal-konsum totali tal-elettriku bħala konsum fl-eqqel sigħat. Dan il-proporzjon jallinja mill-qrib mas-sehem tal-konsum fl-eqqel sigħat irrapportat mill-kumpaniji li ppreżentaw data dettaljata dwar il-konsum.

(61) Wara d-divulgazzjoni finali, Sinochem ikkontestat il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni dwar kif ikkalkulat it-tagħbija fl-eqqel sigħat. Skont Sinochem, it-tagħbija fl-eqqel sigħat jenħtieġ li tiġi kkalkulata bl-użu tad-data reali tar-rispondenti, aktar milli stmata skont il-metodu spjegat fil-premessa 62.

(62) Il-Kummissjoni stabbiliet it-tagħbija fl-eqqel sigħat f'kW (jiġifieri l-ogħla tagħbija tal-elettriku f'mument partikolari) bħala l-konsum fl-eqqel sigħat diviż bl-għadd medju ta' sigħat tax-xogħol maħduma fl-eqqel ħin. Sabiex tikkalkula l-konsum fl-eqqel sigħat, hija bbażat ruħha fuq id-data pprovduta mir-rispondenti filwaqt li għall-kumpaniji li ma ddifferenzjawx bejn il-konsum fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti hija bbażat ruħha fuq il-metodu ta' allokazzjoni deskritt fil-premessa 56. Il-Kummissjoni sabet li din il-metodoloġija hija soda u konsistenti fost il-kumpaniji. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(63) Abbażi tal-kummenti diskussi fil-premessi 49 sa 59, il-Kummissjoni kkalkolat mill-ġdid il-parametru referenzjarju tal-elettriku individwalment għal kull produttur esportatur.

([18]) https://www.boi.go.th/index.php?page=utility_costs.
([19]) https://www.mea.or.th/en/our-services/tariff-calculation/latestft.

(64) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali, Sinochem iċċarat il-pretensjoni tagħha diġà deskritta fil-premessa 61 dwar l-użu tal-elettriku kkunsmat (f'kWh) għad-determinazzjoni tat-tariffa tad-domanda. Il-Kummissjoni eżaminat din il-pretensjoni u kkonkludiet li l-aċċettazzjoni tagħha ma jkollha l-ebda impatt fuq il-marġni tad-dumping tal-Grupp Sinochem. Għalhekk, il-kumment ma kienx rilevanti.

(65) Bl-istess mod għall-premessa 47, Sanmu staqsiet jekk il-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-gass naturali stabbilit mill-Kummissjoni kienx jinkludi VAT ta' 7 %.

(66) Il-Kummissjoni kkalkulat il-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni għall-gass naturali abbażi ta' data dwar il-konsum ipprovduta mill-Ministeru tal-Enerġija Tajlandiż ([20]). Hija ddividiet il-valur totali tal-gass naturali li ġie kkunsmat fit-Tajlandja fl-2023 bil-volum totali korrispondenti. Il-valur unitarju li rriżulta ma kienx jinkludi l-VAT. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

(67) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Sanmu tenniet it-talba tagħha biex taċċessa s-sett sħiħ ta' kontijiet tal-kumpanija magħżula biex jiġi stabbilit valur mingħajr distorsjoni għall-SG & A u l-profitt fit-Tajlandja (Aditya Birla). Sanmu ddikjarat li l-kontijiet tal-Profitt u t-Telf għall-2023 u l-2024 ma kien fihom l-ebda nota ta' akkumpanjament jew spjegazzjoni, li ma ppermettietx lill-partijiet jifhmu kif ġew ikkalkulati l-kostijiet SG & A. B'mod partikolari, Sanmu kkummentat li jenħtieġ li l-Kummissjoni tnaqqas l-ispejjeż kollha tal-bejgħ dirett bħal spejjeż relatati mat-trasport, kummissjonijiet, eċċ. mill-kostijiet SG & A.

(68) Il-Kummissjoni talbet u kisbet, mingħand Aditya Birla, l-awtorizzazzjoni biex tuża l-kostijiet tat-trasport irrappurtati fil-kwestjonarju tal-esportaturi u biex tnaqqas dawn il-kostijiet mill-kostijiet tal-SG & A maħduma. Għalhekk, il-Kummissjoni emendat ir-rata raġonevoli u mingħajr distorsjoni għall-kostijiet tas-SG & A użati fl-istabbiliment tal-valur normali minn 18,0 % għal 12,6 %.

3.1.2.4. Kost tal-produzzjoni – kummenti oħra

(69) Wara d-divulgazzjoni minn qabel, Jiangsu Ruiheng iddikjarat li l-Kummissjoni kienet stmat b'mod eċċessiv il-kostijiet ġenerali użati fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping. B'mod speċifiku, il-kumpanija argumentat li l-Kummissjoni allokat il-kostijiet ġenerali kollha tal-istadji tal-produzzjoni upstream għar-reżini epossidiċi, minflok ma qassmithom abbażi tal-konsum reali meħtieġ għall-produzzjoni tar-reżina epossidika.

(70) Madankollu, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni ta' Jiangsu Ruiheng, il-Kummissjoni allokat il-kostijiet ġenerali mġarrba f'kull stadju tal-proċess integrat vertikalment fi proporzjonalità mal-outputs użati għall-produzzjoni tagħha tar-reżini epossidiċi, filwaqt li żgurat distribuzzjoni preċiża tal-kostijiet mingħajr stima eċċessiva. Din il-valutazzjoni twettqet matul iż-żjara ta' verifika fuq il-post f'kooperazzjoni mal-kumpanija, u l-kost li rriżulta ntuża biex jiġi kkalkulat il-marġni tad-dumping mingħajr modifika ulterjuri. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(71) Wara d-divulgazzjoni minn qabel, JKYC iddikjarat li wieħed mit-tipi ta' prodotti li għalih il-kost tal-manifattura ġie rrappurtat bi żball ma kienx il-prodott ikkonċernat u ma kienx ġie esportat lejn l-Unjoni. Għalhekk, JKYC talbet lill-Kummissjoni tikkalkula mill-ġdid il-marġni tad-dumping bl-esklużjoni ta' dak it-tip ta' prodott.

(72) Wara li rrieżaminat il-kost ivverifikat tal-fajl tal-manifattura użat għall-marġni tad-dumping proviżorju, il-Kummissjoni kkonfermat li tip ta' prodott wieħed ma kienx jaqa' fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-marġni tad-dumping bl-esklużjoni ta' dan it-tip ta' prodott.

3.1.2.5. Konklużjoni rigward il-Valur normali

(73) Il-Kummissjoni indirizzat fuq kollox kummenti rigward il-valur normali u rrevediet is-sejbiet tagħha meta kien xieraq, kif deskritt hawn fuq. Is-sejbiet li jifdal fit-Taqsima 3.1.2 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.1.3. *Prezz tal-esportazzjoni u Tqabbil*

(74) Fin-nuqqas ta' kummenti, is-sejbiet rigward il-prezz tal-esportazzjoni u t-tqabbil tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

([20]) https://www.eppo.go.th/index.php/en/en-energystatistics/energy-economy-static.

3.1.4. *Marġnijiet tad-dumping*

(75) Kif deskritt fit-Taqsima 3.1.2, wara l-pretensjonijiet tal-partijiet interessati, il-Kummissjoni rrevediet il-marġnijiet tad-dumping.

(76) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi espressi bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, l-assigurazzjoni u n-nol (CIF) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv (%)
Jiangsu Sanmu Group Co., Ltd.	17,3
Grupp Sinochem, li jikkonsisti fi — Jiangsu Ruiheng New Material Technology Co., Ltd. — Nantong Xingchen Synthetic Material Co., Ltd. — Jiangsu Kumho Yangnong Chemical Co., Ltd.	33,0
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	23,0
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	33,0

3.2. **Ir-Repubblika tal-Korea**

3.2.1. *Valur normali*

(77) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur sostna li ż-żewġ produtturi esportaturi Koreani inklużi fil-kampjun li jirrappreżentaw 85-95 % tal-produzzjoni tar-reżini epossidiċi tal-Korea, kif stmat mill-ilmentatur, dehru li pprovdew informazzjoni mhux preċiża rigward is-sors tal-provvisti tagħhom tal-epikloroidrin ("ECH"). Meta jiġi kkunsidrat li 28-32 % tal-ECH użat fil-Korea għall-produzzjoni tar-reżini epossidiċi huwa importat miċ-Ċina, u dawn l-esportaturi kienu responsabbli għall-produzzjoni ta' kważi r-reżini epossidiċi kollha fil-Korea, kien matematikament improbabbli li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jevitaw l-użu tal-ECH Ċiniż.

(78) L-ilmentatur iddikjara wkoll li l-valur normali fil-Korea ma għandux ikun ibbażat fuq prezzijiet domestiċi, li tnaqqsu b'mod sinifikanti minħabba distorsjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina, li ħolqu sitwazzjoni partikolari tas-suq ("PMS", particular market situation) fil-Korea skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. B'riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-valur normali jinħadem abbażi tal-kostijiet, u jenħtieġ li l-prezz tal-ECH fil-Korea jiġi sostitwit b'parametru referenzjarju xieraq. L-ilmentatur issuġġerixxa l-użu tal-prezz tal-ECH tal-Amerka ta' Fuq jew tal-Ewropa tal-Punent.

(79) Il-Kummissjoni kkonfermat li mal-verifika tat-tranżazzjonijiet tax-xiri tal-materja prima, inkluża d-determinazzjoni tal-pajjiżi tal-oriġini tal-oġġetti, hija sabet li ċ-Ċina ma kinitx is-sors prinċipali tal-provvista tal-ECH taż-żewġ esportaturi inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, hija sabet li l-prezz tax-xiri tal-ECH miċ-Ċina kien konsistenti mal-prezz medju tax-xiri tal-esportaturi fil-PI, inkluż il-prezz tax-xiri tal-esportaturi minn diversi pajjiżi sors għajr iċ-Ċina, bħall-Unjoni Ewropea.

(80) Fir-rigward tal-pretensjoni rigward l-eżistenza ta' PMS, il-Kummissjoni nnutat li ċ-Ċina ma kinitx l-esportatur globali primarju tal-ECH, iżda kienet it-Tajlandja b'aktar minn 108 000 tunnellata metrika li ġew esportati globalment matul il-perjodu ta' investigazzjoni, meta mqabbel ma' 58 000 tunnellata metrika li ġew esportati miċ-Ċina. It-Tajlandja kienet ukoll l-esportatur ewlieni fir-reġjun tal-Asja. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-esportazzjoni tat-Tajlandja fir-rigward tal-ECH kien fl-istess firxa bħal dak taċ-Ċina. Għalhekk, kemm iċ-Ċina kif ukoll it-Tajlandja, meta jiġu kkunsidrati l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-istrateġiji tal-esportazzjoni tagħhom, x'aktarx li kellhom rwoli kruċjali fid-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-ECH fir-reġjun Asjatiku kollu. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-ECH fl-Asja setgħu ġew influwenzati minn bosta fatturi oħra, inkluża d-domanda minn setturi industrijali bħall-kostruzzjoni u l-kisi ([21]). Barra minn hekk, kompetizzjoni intensa fost il-produtturi fir-reġjun setgħet ikkontribwiet għaż-żamma ta' prezzijiet kompetittivi. Konsegwentement, l-attribuzzjoni tal-livell tal-prezzijiet tal-ECH fil-Korea biss għall-importazzjonijiet Ċiniżi tista' ma taqbadx kompletament il-kumplessitajiet tad-dinamika tas-suq inkwistjoni fir-reġjun Asjatiku.

([21]) https://www.chemanalyst.com/Pricing-data/epichlorohydrin-55.

(81) Abbażi ta' dan u l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkonkludi li l-kapaċità żejda taċ-Ċina fl-ECH irriżultat fi prezzijiet tal-ECH artifiċjalment baxxi fis-swieq ġirien, inkluża l-Korea, li kapaċi ħolqu sitwazzjoni partikolari tas-suq. Tabilħaqq, hija sabet li l-kundizzjonijiet għall-aġġustament tal-kostijiet skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati.

(82) Wara li ċaħdet il-pretensjoni deskritta hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tar-Regolament proviżorju rigward il-valur normali għall-Korea.

3.2.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(83) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi 207 sa 208 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.2.3. *Tqabbil*

(84) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi 209 sa 214 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.2.4. Marġnijiet tad-dumping

(85) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi 215 sa 220 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.3. **It-Tajwan**

3.3.1. *Valur normali*

(86) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessa 221 tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

3.3.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(87) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi 223 sa 224 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.3.3. *Tqabbil*

(88) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Nan Ya sostniet li l-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ma kinux komparabbli minħabba d-differenzi fil-kwantitajiet għal kull ordni partikolari fis-suq domestiku tat-Tajwan u fis-suq tal-esportazzjoni tal-Unjoni.

(89) Matul l-investigazzjoni, Nan Ya naqset milli tipprovdi jew tippreżenta kwalunkwe evidenza li tissuġġerixxi li kien hemm livelli differenti ta' kummerċ bejn is-swieq domestiċi u tal-esportazzjoni, jew li l-kwantità ordnata għal kull ordni partikolari kienet fattur rilevanti fl-istabbiliment tal-prezzijiet. Barra minn hekk, Nan Ya ma ppreżentat l-ebda evidenza dwar l-iskontijiet ibbażati fuq il-kwantità jew evidenza sostanzjanti oħra biex tappoġġa l-pretensjoni li volumi akbar tal-bejgħ ikunu neċessarjament iwasslu għal prezzijiet skontati.

(90) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

3.3.4. *Marġnijiet tad-dumping*

(91) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi 231 sa 233 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4. **It-Tajlandja**

(92) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla sostniet li l-Kummissjoni ma kinitx ikkunsidrat il-kummenti ta' Aditya Birla dwar id-divulgazzjoni minn qabel fir-Regolament proviżorju. Aditya Birla tenniet il-kummenti tagħha wkoll f'żewġ sottomissjonijiet separati għad-divulgazzjoni finali. Iż-żewġ sottomissjonijiet prinċipalment irrepetew l-istess argumenti diġà ppreżentati wara d-divulgazzjoni proviżorja mingħajr ma ppreżentaw evidenza ġdida li tbiddel il-konklużjonijiet tad-divulgazzjoni finali.

(93) Kif spjegat fil-premessa 4, il-kummenti ammissibbli ta' qabel id-divulgazzjoni huma limitati għall-preċiżjoni tal-kalkoli. Dan ġie speċifikat ukoll fid-dokumenti ta' qabel id-divulgazzjoni li ġew kondiviżi mal-partijiet interessati. Il-kummenti ppreżentati minn Aditya Birla dwar id-divulgazzjoni minn qabel marru lil hinn min dan il-kamp ta' applikazzjoni, u indirizzaw kwistjonijiet li jenħtieġ li jitqajmu u jiġu indirizzati biss wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni.

3.4.1. *Valur normali*

(94) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla sostniet li l-Kummissjoni użat b'mod żbaljat il-perċentwali tal-profitt reali fis-suq domestiku għat-tipi ta' prodotti ("PCNs") li nbiegħu fis-suq domestiku fi kwantitajiet li ma kinux jikkonformaw mal-livell limitu ta' 5 % stabbilit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, li skont Birla jkun ifisser li dak il-bejgħ ma jitqiesx li huwa fil-perkors normali tan-negozju ("OCOT", ordinary course of trade). Skont Aditya Birla, dan kien kontra l-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament u li l-Kummissjoni kellha minflok tuża l-marġni ta' profitt ibbażat fuq il-bejgħ domestiku kollu li sar fil-perkors normali tan-negozju, irrispettivament mill-PCN ikkonċernat. Aditya Birla tenniet il-kummenti tagħha wkoll f'żewġ sottomissjonijiet wara d-divulgazzjoni finali billi rrepetiet l-argumenti preċedenti iżda ma pprovdietx evidenza ġdida li tbiddel il-konklużjonijiet milħuqa fid-divulgazzjoni finali.

(95) Il-Kummissjoni nnutat li, għall-kuntrarju tas-sottomissjoni ta' Aditya Birla, il-volumi tal-bejgħ domestiku li ma jikkostitwixxux 5 % jew aktar tal-esportazzjonijiet tal-istess tip ta' prodott xorta waħda jitqies bħala li jsir fil-perkors normali tan-negozju. Fil-fatt, l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku jagħmel referenza għal "meta ma jkunx hemm biżżejjed bejgħ tal-prodott simili **fil-perkors ordinarju tal-kummerċ**". (enfasi miżjuda). Tabilħaqq, it-tranżazzjonijiet li fuqhom kien iddeterminat il-profitt reali mill-bejgħ tal-PCNs rilevanti, użati għall-kostruzzjoni tal-valuri normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku, kollha kienu redditizji u għaldaqstant saru fl-OCOT. Għalhekk, il-premessa li l-Kummissjoni użat profitt ibbażat fuq tranżazzjonijiet mhux fil-perkors normali tan-negozju hija fattwalment skorretta.

(96) Fil-kummenti tagħha li saru wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla apparentement ħawdet il-bejgħ li ma sarx fl-OCOT (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku) mal-bejgħ li ma għaddiex mit-test tar-rappreżentattività fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku ta' dak ir-Regolament. Sempliċiment minħabba li l-bejgħ sar fi kwantitajiet insuffiċjenti skont l-Artikolu 2(2) ma jfissirx li ma sarx fl-OCOT. Tabilħaqq, kif ġie nnotat fil-premessa 95, it-tranżazzjonijiet tal-bejgħ rilevanti li ntużaw biex jiġi kkalkolat il-profitt reali għall-PCNs rilevanti saru fl-OCOT.

(97) Fir-rigward tal-ilment li l-profitt użat fil-kostruzzjoni tal-valur normali għall-PCNs rilevanti kien ibbażat fuq tranżazzjonijiet ta' bejgħ li b'mod ġenerali ma qabżux il-limitu ta' 5 % fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nnotat dan li ġej.

(98) Jekk ma jkunx hemm biżżejjed bejgħ domestiku fl-OCOT (jiġifieri jekk il-volum tiegħu jkun inqas minn 5 % tal-volum tal-bejgħ tal-prodott inkwistjoni lill-Unjoni), kif kien il-każ għall-PCNs rilevanti, il-valur normali jista' jiġi kkalkulat jew fuq il-bażi tal-kost tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-kostijiet SG & A u għall-profitti jew fuq il-bażi tal-prezzijiet rappreżentattivi tal-esportazzjoni. ([22]) F'dan ir-rigward, l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku jsegwi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2.2 tal-ftehim dwar l-anti-dumping tad-WTO.

(99) F'dak li għandu x'jaqsam mal-kostijiet SG & A u l-profitti li għandhom jintużaw fil-kostruzzjoni skont l-Artikolu 2(3), l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Bażiku u l-Artikolu 2.2.2 tal-ADA tad-WTO jistipulaw, fost l-oħrajn, li l-ammonti għall-kostijiet SG & A u l-profitti għandhom ikunu bbażati fuq data attwali li tappartjeni għall-produzzjoni u għall-bejgħ, fil-perkors normali tan-negozju, tal-prodott simili mill-esportatur jew mill-produttur taħt investigazzjoni. Jekk tali ammonti ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati, jiġu pprovduti tliet modi alternattivi biex jinkisbu.

([22]) Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2014, Il-Kunsill vs Alumina, C-393/13 P, EU:C:2014:2245, il-punt 20 u l-ġurisprudenza ċitata.

(100) Peress li l-Artikoli 2 (3) u 2(6) tar-Regolament bażiku, rispettivament, jirriflettu fil-parti l-kbira l-Artikoli 2.2 u 2.2.2 tal-ADA tad-WTO, dawn għandhom jiġu interpretati, sa fejn ikun possibbli, f'konformità mal-Ftehim. ([23])

(101) Kif innotat mill-Korp tal-Appell f'*KE – Fittings tat-Tubi jew tal-Pajpijiet* ([24]), *"l-Artikolu 2.2.2 jistabbilixxi, […], kriterji għad-determinazzjoni ta' "ammont(i) raġonevoli" għall-SĠ&A u għall-profitti meta jiġi kkalkolat il-valur normali maħdum skont l-Artikolu 2.2*". Il-Korp tal-Appell kompla bil-mod li ġej: *"filwaqt li nikkunsidraw it-test tax-chapeau tal-Artikolu 2.2.2, nosservaw li din id-dispożizzjoni timponi obbligu ġenerali ("għandu") fuq awtorità investigattiva li tuża "data attwali li tappartjeni għall-produzzjoni u l-bejgħ fil-perkors normali tan-negozju" meta jiġu ddeterminati l-ammonti għas-SĠ&A u l-profitti. Huwa biss "[m]eta ammonti bħal dawn ma jistgħux jiġu ddeterminati fuq din il-bażi" li awtorità investigattiva tista' tipproċedi biex tuża wieħed mit-tliet metodi l-oħra previsti fis-subparagrafi (i)-(iii). Fil-fehma tagħna, il-lingwa tax-chapeau tindika li awtorità investigattiva, meta tiddetermina l-SĠ&A u l-profitti skont l-Artikolu 2.2.2, l-ewwel trid tipprova tagħmel tali determinazzjoni bl-użu tad-"data attwali li tappartjeni għall-produzzjoni u l-bejgħ fil-perkors normali tan-negozju". Jekk teżisti data attwali tal-SĠ&A u l-profitt għall-bejgħ fil-perkors normali tan-negozju għall-esportatur u l-prodott simili li qed jiġi investigat, awtorità investigattiva hija obbligata tuża dik id-data għall-finijiet tal-kostruzzjoni tal-valur normali; hija ma tistax tikkalkula l-valur normali maħdum bl-użu ta' data dwar l-SG & A u l-profitt b'referenza għal data differenti jew bl-użu ta' metodu alternattiv*". ([25])

(102) Minn dan isegwi li jekk il-bejgħ inkwistjoni jsir fl-OCOT, kif kien il-każ, il-volum tiegħu huwa irrilevanti. Kif osservat mill-Korp tal-Appell, *"in-nuqqas ta' kwalunkwe lingwaġġ li jikkjarifika relatat ma' volumi baxxi fl-Artikolu 2.2.2 jimplika li eċċezzjoni għal bejgħ ta' volum baxx ma għandhiex tinqara bħala impliċita fl-Artikolu 2.2.2."*. ([26]) Skont din il-ġurisprudenza, meta jkun hemm data dwar il-profitt reali li tappartjeni għal bejgħ magħmul minn produttur esportatur fil-perkors normali tan-negozju, dik id-data dwar il-profitt attwali mhux biss tista' tintuża iżda trid tintuża mill-Kummissjoni fil-kostruzzjoni tal-valur normali. Dan l-obbligu japplika indipendentement mill-volum ta' bejgħ ikkonċernat mit-tranżazzjonijiet inkwistjoni.

(103) Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, il-pretensjoni ta' Aditya Birla dwar l-istabbiliment tal-valur normali ġiet miċħuda.

(104) Aditya Birla argumentat li l-ispejjeż tas-servizzi tekniċi, li jkopru l-kost tas-servizzi pprovduti lill-klijenti li japplikaw reżini epossidiċi għal applikazzjonijiet ġodda, għal użi finali, jew għal ċirkostanzi mibdula, jenħtieġ li jiġu allokati biss għall-bejgħ domestiku. Konsegwentement, Aditya Birla kienet tal-fehma li dawn l-ispejjeż ma għandhomx jiġu inklużi fl-ispejjeż ġenerali tal-kumpanija. Aditya Birla tenniet il-kummenti tagħha anki bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali.

(105) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma. L-assistenza teknika hija servizz ġeneralment offrut lill-klijenti fis-suq domestiku. Skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, l-ammonti għall-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi u għall-profitti għandhom ikunu bbażati fuq data attwali li tappartjeni għall-produzzjoni u għall-bejgħ, fil-perkors normali tan-negozju, tal-prodott simili mill-esportatur jew mill-produttur li qed jiġi investigat. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn il-kostijiet huma ta' natura ġenerali u jenħtieġ li jiġu inklużi fl-ispejjeż ġenerali tal-kumpanija, li wassal għaċ-ċaħda ta' din il-pretensjoni.

(106) Fl-istess kuntest, Aditya Birla semmiet Ftehim dwar ir-Royalties, li jirrikjedi li Aditya Birla tħallas kummissjonijiet lill-kumpanija speċifikata. Aditya Birla ddikjarat li dawn il-kummissjonijiet huma relatati biss ma' prodotti u bejgħ speċifiċi u ma għandhomx jiġu inklużi fil-kostijiet SG & A.

(107) Minkejja li Aditya Birla semmiet il-Ftehim dwar ir-Royalties fir-rigward tal-ispejjeż tas-servizzi tekniċi, dawn huma kwistjonijiet distinti, u deher li Aditya Birla ikkombinathom flimkien involontarjament. Il-Kummissjoni ma allokatx il-kwoti rrappurtati minn Aditya Birla abbażi tal-Ftehim dwar ir-Royalties għall-kostijiet SG &A ġenerali, li rriżulta fiċ-ċaħda tal-pretensjoni rigward il-Ftehim dwar ir-Royalties.

([23]) Ara, pereżempju s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, EU:C:2013:865, il-punt 54; Is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kummissjoni, T-541/18, ECLI:EU:T:2020:605, il-punt 61.

([24]) Rapport tal-Korp tal-Appell, *European Communities - Anti-Dumping Duties on Malleable Cast Iron Tube or Pipe Fittings from Brazil* (WT/DS219/AB/R), il-punt 96.

([25]) *Ibid*. il-punt 97.

([26]) *Ibid*. il-punt 98.

3.4.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(108) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex taġġusta l-prezz tal-bejgħ ta' reżini epossidiċi f'każijiet fejn solidifikant u reżina epossidika nbiegħu flimkien għall-istess prezz ta' unità nominali. Aditya Birla sostniet li, f'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat b'mod żbaljat il-bejgħ ikkombinat ta' reżina epossidika u ta' webbies bħala bejgħ ta' sistema jew kit. Aditya Birla tenniet il-kummenti tagħha anki bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali.

(109) Fil-fehma tal-Kummissjoni, meta Aditya Birla tirrapporta prezz tal-bejgħ nominali ugwali ta' epossi u ta' webbies, il-prezz reali tar-reżina epossidika huwa fir-realtà aktar baxx mill-prezz indikat fuq il-fattura u ma kienx jirrifletti r-realtà ekonomika. Dan għaliex il-webbiesa u r-reżini epossidiċi għandhom kost tal-produzzjoni sostanzjalment differenti u, meta jinbiegħu separatament, il-webbiesa jinbiegħu bi prezz sostanzjalment ogħla mir-reżini epossidiċi. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li kien meħtieġ li jiġi aġġustat il-prezz tal-bejgħ nominali għall-bejgħ fejn l-istess prezz kien indikat kemm għar-reżina epossidika kif ukoll għall-webbies, sabiex jiġu riflessi d-differenzi fil-kost rispettiv tal-webbies u r-reżini epossidiċi. Dan allinja l-prezzijiet tal-bejgħ ma' dawk it-tranżazzjonijiet fejn ir-reżini epossidiċi u l-webbiesa nbiegħu separatament.

(110) Għalhekk, il-Kummissjoni ma qablitx mal-pretensjoni ta' Aditya Birla. Irrispettivament minn jekk il-bejgħ jiġix ikkunsidrat bħala bejgħ ta' kit jew sistema, il-bejgħ ikkombinat tal-webbiesa u l-epossi bl-istess prezz tal-bejgħ nominali ma jirriflettix ir-realtà ekonomika għar-raġunijiet spjegati hawn fuq. F'dawn il-każijiet, aġġustament huwa ġġustifikat u l-aħjar bażi disponibbli għal dan l-aġġustament kien il-kost rispettiv tal-elementi, wara l-analoġija tas-sitwazzjonijiet fejn il-webbiesa u r-reżini epossidiċi jinbiegħu bħala kits.

(111) Barra minn hekk, Aditya Birla la argumentat u lanqas ma pprovdiet evidenza li l-prezzijiet għoljin tal-bejgħ irrapportati f'każijiet ta' bejgħ ikkombinat kienu jinkisbu meta r-reżina epossidika nbiegħet separatament, jew li l-istess prezzijiet baxxi għall-webbiesa kienu japplikaw meta l-webbiesa nbiegħu separatament.

(112) Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li f'każijiet fejn ir-reżini epossidiċi u l-webbiesa jinbiegħu flimkien bl-istess prezz nominali, aġġustament għall-prezzijiet tal-bejgħ nominali tal-epossi kien iġġustifikat u ċaħdet il-pretensjoni.

(113) Aditya Birla sostniet ukoll li l-Kummissjoni kienet applikat b'mod żbaljat il-kostijiet tal-SG & A u l-aġġustament tal-profitt tas-sussidjarja Ġermaniża tagħha CTP Advance Materials GmbH ("CTP") għall-prezzijiet tal-bejgħ ta' Aditya Birla fis-suq tal-Unjoni. L-aġġustament kien ibbażat fuq l-SG & A totali ta' CTP u profitt nozzjonali.

(114) Il-Kummissjoni aċċettat parzjalment din il-pretensjoni. Filwaqt li sostniet li CTP aġixxiet bħala aġent għall-bejgħ kollu ta' Aditya Birla fl-Unjoni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-aġġustament tal-profitt stabbilit fil-premessa 244 tar-Regolament proviżorju kien jinkludi spejjeż SG & A relatati ma' attivitajiet ta' pproċessar. Konsegwentement, il-Kummissjoni għamlet korrezzjoni 'l isfel għall-SG & A u aġġustament tal-profitt għall-bejgħ fejn CTP aġixxiet biss bħala aġent. Minkejja l-aġġustament li sar wara d-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla tenniet il-kummenti tagħha anki fir-reazzjonijiet tagħha għad-divulgazzjoni finali billi rrepetiet l-argumenti preċedenti iżda ma pprovdietx evidenza ġdida li biha tbiddel il-konklużjonijiet milħuqa fid-divulgazzjoni finali.

(115) Barra minn hekk, Aditya Birla ma qablitx mal-metodu ta' allokazzjoni applikat mill-Kummissjoni f'każijiet fejn ir-reżina epossidika tkompli tiġi pproċessata minn CTP qabel il-bejgħ mill-ġdid. L-ewwel, Aditya Birla ddikjarat li l-Kummissjoni ma kellhiex talloka kostijiet tal-ipproċessar għal elementi differenti (reżina epossidika u sustanzi oħra) abbażi tal-volum. It-tieni, Aditya Birla argumentat li l-Kummissjoni ma kinitx korretta fl-allokazzjoni tal-prezz tal-bejgħ ta' prodotti pproċessati għal komponenti abbażi tal-prezz tax-xiri rispettiv tagħhom, kif deskritt fil-premessa 238 tar-Regolament proviżorju.

(116) Il-Kummissjoni ma qablitx maż-żewġ argumenti. L-ewwel, in-natura tal-ipproċessar ta' CTP, li kien jinvolvi t-taħlit tar-reżina epossidika ma' sustanzi oħra, kienet tfisser li l-volum ta' prodotti pproċessati, minflok il-valur tagħhom, huwa l-fattur prinċipali tal-kost. Għalhekk, jenħtieġ li l-kost tal-ipproċessar jiġi allokat fuq il-bażi tal-volum tal-elementi.

(117) It-tieni, jenħtieġ li l-prezz tal-bejgħ tal-prodott ipproċessat jiġi allokat għal komponenti abbażi tal-kost tal-produzzjoni jew tal-prezz tax-xiri rispettiv tagħhom. Minn dan il-metodu ta' allokazzjoni jirriżulta li l-komponenti differenti tal-prodott ipproċessat għandhom l-istess marġni ta' profitt, li hija suppożizzjoni raġonevoli mhux kontradetta mill-kumpanija.

(118) Fil-kummenti tagħha għad-divulgazzjoni finali, Aditya Birla sostniet ukoll li l-Kummissjoni kienet injorat xi tranżazzjonijiet ta' bejgħ fil-kalkoli tad-dumping.

(119) It-tranżazzjonijiet li Aditya Birla kienet qed tirreferi għalihom jew kienu saru barra mill-perjodu ta' investigazzjoni, jew inbiegħu barra mill-Unjoni jew ma kinux prodotti minn Aditya Birla. Għalhekk, dawk it-tranżazzjonijiet ġew eskluži b'mod korrett mill-kalkoli tad-dumping.

(120) Għalhekk, għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjonijiet rigward il-metodu ta' allokazzjoni tal-kost tal-ipproċessar u l-prezz tal-bejgħ.

(121) Aditya Birla sostniet ukoll li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat il-prezz tal-bejgħ minn Aditya Birla lil CTP meta kkalkulat il-prezz CIF tal-importazzjonijiet għad-determinazzjoni tal-marġni ta' dannu. Minflok, skont Aditya Birla, il-Kummissjoni kellha tuża l-prezz ikkalkulat lura mill-prezz tal-bejgħ ta' prodotti pproċessati kif deskritt fil-premessa 237 tar-Regolament proviżorju. Aditya Birla tenniet il-kummenti tagħha wkoll bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali billi rrepetiet l-argumenti preċedenti iżda ma pprovdietx evidenza ġdida li biha tbiddel il-konklużjonijiet milħuqa fid-divulgazzjoni finali.

(122) Il-Kummissjoni ċaħdet din il-pretensjoni. Għall-kuntrarju ta' dak li ddikjarat Aditya Birla, il-Kummissjoni ħadmet il-prezzijiet CIF abbażi tal-prezzijiet tal-bejgħ lill-klijenti indipendenti mhux relatati fl-Unjoni.

3.4.3. *Tqabbil*

(123) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment, il-premessi 239 sa 244 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4.4. *Marġni tad-dumping*

(124) Wara l-aġġustament deskritt fil-premessa 114 hawn fuq, il-marġni tad-dumping huwa rivedut minn 32,8 % għal 29,9 %.

(125) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv (%)
Aditya Birla Chemicals (Thailand) Limited	29,9
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajlandja	29,9

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(126) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi 249 sa 254 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(127) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi 255 sa 258 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

4.3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(128) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Nan Ya ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta l-importazzjonijiet mit-Tajwan b'mod kumulattiv mal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra kkonċernati, fejn argumentat li l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet mit-Tajwan u pajjiżi oħra kkonċernati, kif ukoll bejn l-importazzjonijiet mit-Tajwan u l-prodott simili domestiku, huma fundamentalment differenti. Skont l-esportatur, il-volumi tal-importazzjonijiet mit-Tajwan u s-sehem mis-suq miżmum mill-importazzjonijiet tal-Unjoni mit-Tajwan kienu żgħar ħafna meta mqabbla mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kkonċernati u żviluppaw b'mod kompletament differenti mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kkonċernati. Nan Ya argumentat li l-importazzjonijiet Tajwaniżi fl-Unjoni tilfu sehem mis-suq mill-2022 sal-perjodu ta' investigazzjoni u, għalhekk, l-industrija tal-Unjoni tilfet is-sehem mis-suq tagħha minħabba importazzjonijiet minn pajjiżi oħra kkonċernati u mhux minħabba prodotturi esportaturi Tajwaniżi. Fl-aħħar nett, Nan Ya sostniet li l-importazzjonijiet mit-Tajwan daħlu fis-suq tal-Unjoni b'volum ferm aktar baxx u bi prezzijiet ogħla minn dawk ta' pajjiżi oħra kkonċernati u li anke matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-Unjoni mit-Tajwan baqgħu 7 % ogħla minn dawk fl-2020.

(129) L-ewwel nett, kif stabbilit fil-premessa 260 tar-Regolament proviżorju, il-volum tal-importazzjonijiet mit-Tajwan ma kienx negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. It-tieni, b'mod konsistenti mal-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq tal-pajjiżi l-oħra kkonċernati, l-importazzjonijiet Tajwaniżi żdiedu b' 4 795 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat u laħqu sehem mis-suq ta' 3,3 % (żieda minn 1,7 % fl-2020). Barra minn hekk, ġie stabbilit dumping għall-prodotturi esportaturi Tajwaniżi. Fl-aħħar nett, kif spjegat fit-Taqsima 4.3.1 tar-Regolament proviżorju, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina, mit-Tajwan u mit-Tajlandja u bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili tal-Unjoni kienu simili, u Nan Ya ma offriet l-ebda evidenza għall-kuntrarju. Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati sabiex l-importazzjonijiet mit-Tajwan jiġu vvalutati b'mod kumulattiv mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u mit-Tajlandja għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dannu. Għalhekk, il-pretensjoni ta' Nan Ya kellha tiġi miċħuda.

(130) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 259 sa 265 tar-Regolament proviżorju dwar dawn il-punti.

4.3.2. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(131) L-ERC argumenta li d-data tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet użata mill-Kummissjoni mhijiex kompluta u mhijiex affidabbli, peress li qagħdet esklużivament fuq il-kodiċi NM 3907 30 00 u injorat kodiċijiet NM rilevanti oħrajn (2910 90 00, 3824 99 92, u 3824 99 93) mingħajr verifika u raġunament adegwati wara l-esklużjoni ta' ċerti kodiċijiet NM mill-kunsiderazzjoni. L-ERC kompla jqajjem dubji dwar id-dipendenza tal-Kummissjoni fuq data miksuba kummerċjalment minn informazzjoni ta' S&P Global, li mhijiex disponibbli għall-pubbliku u li tista' ma tikkostitwixxix evidenza pożittiva.

(132) L-ewwel, il-Kummissjoni elaborat b'mod ċar u inekwivoku fil-premessa 267 tar-Regolament proviżorju dwar il-metodoloġija tagħha li tidentifika l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u għaliex eskludiet ċerti kodiċijiet tal-komoditajiet tal-"ġabra" inklużi bosta prodotti oħra, għajr ir-reżini epossidiċi. F'dan ir-rigward, l-ERC fis-sottomissjoni tiegħu, naqas milli jissostanzja għaliex jenħtieġ li tali approċċ jiġi ddikjarat invalidu u kif kwalunkwe approċċ alternattiv ikun (i) jagħti riżultati aktar preċiżi għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u/jew (ii) jinvalida l-analiżi tal-Kummissjoni. It-tieni, id-data dwar l-importazzjonijiet invokata mill-Kummissjoni tinkiseb esklużivament mill-Eurostat, bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku b'data verifikabbli u ma hija ssupplimentata minn ebda informzzjoni privata dwar tas-suq. Il-Kummissjoni sempliċiment iddikjarat li d-data tal-Eurostat hija konsistenti mal-informazzjoni ta' S&P Global, mingħajr ma bbażat l-analiżi jew il-konklużjonijiet tagħha fuq din l-informazzjoni. Barra minn hekk, u għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-ERC, l-informazzjoni ta' S&P Global huwa servizz ibbażat fuq abbonament li jintuża b'mod wiesa' mill-industrija tar-reżini epossidiċi. Huwa raġonevoli li wieħed jemmen li l-ERC u/jew il-membri tagħha ikollhom kull interess li jaċċessaw id-data għal dak li huwa sors tad-data ewlieni u l-aktar komprensiv fl-industrija tar-reżini epossidiċi. Irrispettivament minn dak, ma jistax jiġi kkontestat li l-Kummissjoni kisbet id-data dwar l-importazzjonijiet, użata għas-sejbiet tagħha, mill-Eurostat, bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku. Għalhekk, il-pretensjoni tal-ERC ġiet miċħuda.

(133) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, l-ERC allega li d-data ta' informazzjoni ta' S&P Global ġiet użata b'mod selettiv mill-Kummissjoni. Skont l-ERC, il-Kummissjoni użat id-data b'mod inkonsistenti billi bbażat fuqha għad-data mhux ivverifikata dwar id-dannu makroekonomiku u mhux għall-eżami tal-importazzjonijiet.

(134) Kuntrarju għal dak li jsostni l-ERC, il-Kummissjoni ma użatx id-data kkontestata b'mod selettiv. Filwaqt li l-Kummissjoni rrikorriet għall-informazzjoni tal-S&P Global bħala sors primarju ta' data sabiex tikseb stampa sħiħa dwar l-indikaturi makroekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni, l-użu tad-data tal-S&P Global bħala sors primarju sempliċiment ma kienx meħtieġ għall-identifikazzjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, peress li d-data sħiħa kienet disponibbli għand Eurostat. Fi kwalunkwe każ, id-data tal-S&P hija konsistenti mad-data tal-Eurostat fir-rigward tal-istatistiki dwar l-importazzjoni. L-approċċ magħżul bl-ebda mod ma jagħmel il-metodoloġija tal-Kummissjoni selettiva u żbaljata. Għalhekk, l-argument tal-ERC ġie miċħud.

4.3.3. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u twaqqigħ tal-prezz*

(135) QR Polymers hija d-distributur esklużiv ta' Nan Ya għall-Greċja u sostniet, wara d-divulgazzjoni proviżorja, li t-twaqqigħ tal-prezz li l-Kummissjoni ddikjarat li sabet mhuwiex preżenti fil-Greċja. Il-Kummissjoni fakkret, b'referenza għat-taqsima 4.3.3 tar-Regolament proviżorju, li t-twaqqigħ tal-prezz ġie kkalkolat bl-użu ta' data dwar il-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni minn tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju pprovduti mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, inkluża Nan Ya, kif ukoll mid-data tal-bejgħ fl-Unjoni mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għas-suq tal-Unjoni kkunsidrat bħala entità waħda (u mhux skont pajjiż jew pajjiżi magħżula), u għaldaqstant id-dikjarazzjoni magħmula minn QR Polymers ma hijiex effettiva.

(136) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri fir-rigward tal-volum, is-sehem mis-suq kif ukoll il-prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessi minn 266 sa 276 tar-Regolament proviżorju dwar dawn il-punti.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(137) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ERC sostna li l-valutazzjoni tad-dannu kienet ibbażata fuq data makroekonomika u mikroekonomika dderivata mhux biss mit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni iżda wkoll fuq data stmata mill-informazzjoni pprovduta minn S&P Global. Skont l-ERC, dan l-approċċ iqajjem tħassib sinifikanti dwar il-preċiżjoni, l-affidabbiltà u r-rappreżentattività ta' dawn l-indikaturi.

(138) L-indikaturi mikroekonomiċi huma bbażati biss fuq it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-data makroekonomika kienet ibbażata fuq informazzjoni ppreżentata mill-ilmentaturi u vverifikata mill-Kummissjoni li tkopri aktar minn 70 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, li kompliet ġiet issupplimentata mill-aħjar ċifri disponibbli minn S&P Global biex tasal għal data għall-industrija kollha tal-Unjoni. Għalhekk, din id-data hija rappreżentattiva biżżejjed tax-xejriet mikro u makroekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. L-ERC naqas milli jissostanzja għaliex dan ma jkunx il-każ u għalhekk l-argument tal-ERC huwa miċħud.

(139) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ERC tenna l-affermazzjoni tiegħu li l-użu tal-2020 bħala sena ta' referenza għall-valutazzjoni tax-xejriet tad-dannu jwassal għal esaġerazzjoni tal-aggravament sussegwenti tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Minflok, l-ERC argumenta, li l-użu tal-2019 jew tal-2021 bħala punt ta' riferiment għall-valutazzjoni tax-xejriet iwassal għal analiżi aktar ibbilanċjata.

(140) L-ewwel nett, kif stabbilit fil-premessa 43 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni, f'konformità mal-prattika normali tagħha, għażlet perjodu ta' 3 snin sħaħ kif ukoll il-perjodu ta' investigazzjoni għall-eżami tax-xejriet u l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi. It-tieni, il-valutazzjoni tad-dannu tinvolvi valutazzjoni dinamika tal-fatturi ekonomiċi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u mhux biss il-kundizzjonijiet fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. It-tielet, irrispettivament mill-ewwel sena tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-analiżi tal-Kummissjoni wriet b'mod ċar dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, bidla fil-perjodu kkunsidrat ma tinvalidax jew inkella tbiddel is-sejbiet tad-dannu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(141) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-indikaturi makroekonomiċi, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi 282 sa 296 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

(142) Bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja, Nan Ya ddikjarat li l-Kummissjoni ma tistax tinjora l-fatt li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf anke fl-2020, meta l-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien baxx ħafna. Nan Ya argumentat ukoll li x-xejriet ta' profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-2022 'il quddiem, kienu marbuta maż-żieda fil-kost tal-produzzjoni mġarrba mill-produtturi tal-Unjoni, u l-kapaċità tagħhom (jew in-nuqqas tagħhom) li jgħaddu dawk il-kostijiet lill-konsumaturi minħabba n-natura nfisha tas-suq.

(143) L-ewwel, kif stabbilit fil-premessa 306 tar-Regolament proviżorju, is-sitwazzjoni ta' telf tal-produtturi tal-Unjoni fl-2020 kienet xprunata mit-tweġiba inizjali tas-suq għall-pandemija tal-COVID-19 u kienet biss wara l-2022 meta nħassu l-effetti dannużi taż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Kif spjegat aktar fil-premessa 321 tar-Regolament proviżorju, il-pressjoni miż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping sinifikattivament taħt il-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni ma baqgħetx sostenibbli għall-industrija tal-Unjoni. Kien minħabba din il-kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tgħaddi lill-klijenti l-kost dejjem akbar tal-materja prima. Sabiex jittaffa t-telf fil-volumi tal-produzzjoni u s-sehem mis-suq, il-produtturi tal-Unjoni sussegwentement ġew imġiegħla jnaqqsu l-prezzijiet għad-detriment tal-profittabbiltà tagħhom. Għalhekk, il-pretensjoni ta' Nan Ya hija miċħuda.

(144) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri dwar l-indikaturi mikroekonomiċi, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 297 sa 310 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(145) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonferma s-sejbiet tagħha fil-premessi minn 311 sa 317 tar-Regolament proviżorju.

5. KAWŻALITÀ

5.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(146) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ERC sostna li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi skeda ta' żmien koerenti li torbot l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mad-dannu allegat. Skont l-ERC, l-aktar żieda qawwija fl-importazzjoni seħħet fl-2020–2022, meta l-profittabbiltà tal-Unjoni laħqet il-quċċata tagħha, filwaqt li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-2022-Perjodu ta' Investigazzjoni kkoinċida mal-inflazzjoni eċċezzjonali tal-kostijiet tal-enerġija u tal-materja prima.

(147) Kif innotat fir-Regolament proviżorju (b'mod partikolari l-premessi 321, 326 u 348), l-importazzjonijiet akkumulati mill-pajjiżi kkonċernati kienu qed jiżdiedu b'mod kostanti u b'rata sinifikanti (ara t-Tabella 3 tar-Regolament proviżorju) kull sena tal-perjodu kkunsidrat (għalhekk mhux biss bejn l-2020 u l-2022), filwaqt li s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni kien qed jonqos u l-importazzjonijiet totali minn pajjiżi oħra kienu stabbli. Għalkemm fl-2021-2022 il-produtturi tal-Unjoni rnexxielhom jiksbu profitti b'saħħithom, minkejja l-kompetizzjoni inġusta, bis-saħħa ta' żieda fid-domanda għal prodotti li fihom l-epossi, l-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping saru evidenti fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni meta l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati komplew iżidu s-sehem mis-suq tagħhom f'suq tal-Unjoni li qed jiċkien. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(148) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ulterjuri dwar l-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, il-premessi 319 sa 328 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

5.2. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(149) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, kif ukoll bit-tweġiba tiegħu għad-divulgazzjoni finali, l-ERC sostna li, b'mod inkonsistenti mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, l-effetti tal-importazzjonijiet mill-Korea fuq l-industrija tal-Unjoni ma kinux iżolati u vvalutati kif xieraq. Skont l-ERC, il-Kummissjoni ma pprovdietx spjegazzjoni konvinċenti għaliex dawn l-importazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala fattur sinifikanti li jikkontribwixxi għad-dannu.

(150) L-ewwel, l-effetti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra u b'mod partikolari mill-Korea ġew ivvalutati kif xieraq u separatament fil-premessa 332 tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, u għall-kuntrarju tal-pretensjoni tal-ERC, il-Kummissjoni tabilħaqq ikkonkludiet li l-importazzjonijiet mill-Korea kkontribwew għad-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, din il-kontribuzzjoni ma kinitx tali li tnaqqas ir-rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati għar-raġunijiet diġà indikati fil-premessi 334 u 356 tar-Regolament proviżorju.

(151) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ERC sostna wkoll li l-Korea kellha tiġi inkluża fl-analiżi kumulattiva tal-Kummissjoni u li l-akkumulazzjoni selettiva, minbarra l-importazzjonijiet Koreani, tfixkel l-istampa makroekonomika. Il-Kummissjoni nnotat b'referenza għall-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku kif ukoll għat-Taqsima 4.3.1. tar-Regolament provviżorju li l-effetti tal-importazzjonijiet Koreani ma setgħux jiġu vvalutati b'mod kumulattiv peress li ma nstab l-ebda marġni tad-dumping għall-Korea. Għalhekk, l-affermazzjoni tal-ERC ġiet miċħuda. Fi kwalunkwe każ, l-effett dannuż potenzjali tal-importazzjonijiet mill-Korea ġie analizzat fit-taqsima 5.2.1 u b'mod partikolari fil-premessa 332 tar-Regolament proviżorju.

(152) B'mod simili, Nan Ya argumentat bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja li l-konklużjoni tal-Kummissjoni, li l-importazzjonijiet tal-Unjoni mill-Korea ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mit-Tajwan u d-dannu, hija inadegwata u Nan Ya talbet lill-Kummissjoni terġa' teżamina d-determinazzjoni tagħha. Nan Ya ddikjarat li l-Korea kienet tirrappreżenta proporzjon kbir tal-importazzjonijiet kollha matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-importazzjonijiet tal-Unjoni mit-Tajwan baqgħu ta' importanza limitata ħafna matul il-perjodu kkunsidrat (u naqsu matul il-biċċa l-kbira tiegħu), u t-Tajwan żamm sehem mis-suq insinifikanti meta mqabbel mal-industrija tal-Unjoni u mal-Korea.

(153) Kif stabbilit fit-Taqsima 4.3.1 tar-Regolament proviżorju, l-importazzjonijiet Tajwaniżi huma vvalutati b'mod kumulattiv mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u t-Tajlandja għall-finijiet ta' dan il-każ. Il-pajjiżi kkonċernati żiedu s-sehem tagħhom fuq l-importazzjonijiet totali tal-Unjoni minn inqas minn 11 % għal aktar minn 35 %, filwaqt li l-importazzjonijiet Koreani bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali naqsu b'2 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Anke meta titqies l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet Tajwaniżi fuq livell individwali, dawn żdiedu bi 73 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, kif spjegat fil-premessa 332 tar-Regolament proviżorju, minħabba l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-iżvilupp tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat, ma setax jiġi konkluż li l-importazzjonijiet mill-Korea kienu kapaċi jnaqqsu r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu materjali li kkawżaw lill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ta' Nan Ya jkollha tiġi miċħuda.

(154) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ulterjuri, il-premessi 329 sa 334 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

5.3. **Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(155) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, l-ERC sostna li l-inabbiltà tal-industrija tal-Unjoni li żżomm il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjoni kienet fattur ewlieni li kkontribwixxa għas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li b'mod ġenerali qed tiddeterjora. Dan it-tnaqqis fil-prestazzjoni tal-esportazzjoni ma jistax jiġi injorat jew imnaqqas fil-valutazzjoni tal-kawżalità, skont l-ERC.

(156) Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni ġiet evalwata kif xieraq mill-Kummissjoni. Kif deskritt fit-Taqsima 5.2.2 u l-premessa 357 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni ma injoratx jew naqqset il-prestazzjoni tal-esportazzjoni fil-valutazzjoni tagħha. Tabilħaqq, hija kkonkludiet li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni kkontribwiet għas-sitwazzjoni avvers tal-produtturi tal-Unjoni, iżda mhux f'dan il-kobor li jnaqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni tal-ERC hija miċħuda.

(157) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ulterjuri, il-premessi 335 sa 340 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

5.4. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

(158) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, l-ERC iddikjara mill-ġdid li d-deterjorament fil-prestazzjoni beda fl-2022, li kien jikkoinċidi maż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet tal-materja prima, minflok maż-żieda fl-importazzjonijiet. L-ERC innota wkoll li d-deċiżjoni tal-produtturi tal-Unjoni li jnaqqsu l-volumi tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità kienet inkonsistenti mat-tweġibiet kompetittivi normali mistennija f'suq tal-komoditajiet. Skont l-ERC, il-Kummissjoni kien imissha vverifikat jekk dan it-tnaqqis qawwi fil-produzzjoni kienx riżultat ta' deċiżjonijiet strateġiċi intenzjonati meħuda b'antiċipazzjoni ta' dan il-proċediment anti-dumping.

(159) Fil-kummenti tiegħu wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ERC sostna li l-Kummissjoni ma ppreżentatx evidenza pożittiva li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu l-kawża ewlenija tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni aktar milli ż-żieda qawwija fil-kost tal-enerġija u ta' ċerta materja prima.

(160) Fil-fatt, il-Kummissjoni analizzat l-effett taż-żieda fil-kost tal-produzzjoni u ż-żieda qawwija fil-kostijiet tal-enerġija fil-premessi 341, 342) u 358 tar-Regolament provviżorju u kkonkludiet li fin-nuqqas tal-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun tista' tgħaddi ż-żidiet fil-kostijiet u twieġeb b'mod adegwat għall-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

(161) Nan Ya argumentat ukoll, wara d-divulgazzjoni proviżorja, li l-kost tal-produzzjoni baqa' eċċezzjonalment għoli matul il-perjodu kkunsidrat, li spjega għaliex l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi l-kostijiet addizzjonali lill-klijenti tagħha f'suq tal-Unjoni li qed jiċkien.

(162) Il-Kummissjoni nnutat b'referenza għall-analiżi tal-kawżalità tagħha fit-Taqsimiet 5.2.3 u 5.2.5 tar-Regolament proviżorju li fatturi bħad-deċiżjonijiet kummerċjali tal-produtturi tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-enerġija u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima ġew eżaminati u vvalutati kif xieraq. Kif stabbilit fil-premessi 306 u 314 tar-Regolament proviżorju, kienu l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx mill-pajjiżi kkonċernati li kkawżaw tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet lill-industrija tal-Unjoni wara l-2022. Bħala riżultat ta' dawn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping (u tal-ebda fattur ieħor bħad-deċiżjonijiet kummerċjali tal-produtturi tal-Unjoni jew il-kriżi tal-enerġija jew iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima), l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tbigħ bi prezzijiet li jkopru l-kost tal-produzzjoni tagħhom u bdiet tagħmel telf fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni. Li kieku ma kienx għall-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun tista' tassorbi ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni u twieġeb b'mod adegwat għall-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu. F'termini ta' kost u evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ, kif jirriżulta mit-Tabella 8 ("Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni") tar-Regolament proviżorju, filwaqt li l-kost tal-produzzjoni tal-Unjoni naqas b'20 punt perċentwali fil-perjodu tal-PI 2022, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni naqsu b'90 punt perċentwali matul l-istess perjodu. Għalhekk, il-pretensjonijiet tal-ERC u ta' Nan Ya huma miċħuda.

(163) Barra minn hekk, fit-tweġiba tagħha għad-divulgazzjoni proviżorja, Aditya Birla argumentat li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra kif xieraq l-effetti distorsivi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-valutazzjoni tad-dannu. Skont l-esportatur, billi l-kalkoli tad-dannu jiġu bbażati fuq data bejn l-2020 u l-2021 mingħajr aġġustamenti suffiċjenti, jikkombina d-distorsjonijiet ekonomiċi mad-dannu reali li jwassal għal żball manifest fl-analiżi tar-rabta kawżali u tan-nuqqas ta' attribuzzjoni. L-ewwel, il-kalkoli tad-dannu (inkluż il-bejgħ taħt il-prezz u t-twaqqigħ tal-prezz) huma bbażati fuq il-perjodu ta' investigazzjoni u mhux fuq il-perjodu tal-pandemiji tal-COVID-19 li jippreċedu dak il-perjodu b'bosta snin. Barra minn hekk u f'termini aktar ġenerali, il-valutazzjoni tad-dannu tal-Kummissjoni tikkunsidra d-data għall-perjodu kkunsidrat, filwaqt li twettaq valutazzjoni dinamika tal-indikaturi makro u mikroekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni matul dak il-perjodu, inklużi s-snin 2020-2021. Kif jirriżulta mill-premessi 257, 258, 288, 306, 321, 345 u 364 tar-Regolament proviżorju u għall-kuntrarju tal-pretensjoni ta' Aditya Birla, il-Kummissjoni kkunsidrat kif xieraq l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fil-valutazzjoni tad-dannu tagħha. Fl-aħħar nett, Aditya Birla naqset milli tissostanzja kif l-effetti tal-pandemiji tal-COVID-19 inaqqsu r-rabta kawżali jew inkella jinvalidaw il-valutazzjoni tal-kawżalità tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ta' Aditya Birla hija miċħuda.

(164) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri, il-Kummissjoni tikkonferma s-sejbiet tagħha fil-premessi 341 sa 353 tar-Regolament proviżorju.

5.5. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(165) Il-konklużjonijiet dwar il-kawżalità milħuqa fil-premessi 354 sa 360 tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

6. LIVELL TAL-MIŻURI

6.1. Marġni tad-dannu

(166) L-ilmentatur sostna, wara d-divulgazzjoni proviżorja, li l-Kummissjoni ssottovalutat il-profitt fil-mira tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tar-reżina epossidika billi ħadet il-marġni ta' profitt minimu ta' 6 % bħala bażi. L-ilmentatur issuġġerixxa li marġni ta' profitt raġonevoli għandu jkun mill-inqas [10-20] %, li huwa l-marġni ta' profitt medju bejn l-2020 u l-2022. Skont l-ilmentatur, l-aġġustament tal-profitt fil-mira ogħla mil-livell limitu ta' 6 % ikun ukoll konformi mal-prattika riċenti tal-Kummissjoni, fejn il-profittabbiltà ta' aktar minn 6 % inkisbet mill-industrija tal-Unjoni qabel il-perjodu kkunsidrat u aċċettat mill-Kummissjoni.

(167) L-ewwel, issir referenza għall-premessa 364 tar-Regolament proviżorju li pprovdiet spjegazzjoni eżawrjenti rigward l-istabbiliment tal-profitt fil-mira f'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. It-tieni, għalkemm l-ilmentatur argumenta favur l-użu tal-marġni ta' profitt medju bejn l-2020 u l-2022, l-ilmentatur waħdu naqqas l-importanza ta' din l-għażla billi rrikonoxxa li "filwaqt li l-livelli ta' profitt tal-2021 kienu sostanzjalment ogħla mill-profitt fil-mira mistenni, il-marġnijiet ta' profitt ta' 6 % irrappurtati fl-2020 u fl-2022 ukoll jonqsu milli jservu bħala parametru referenzjarju rappreżentattiv". Barra minn hekk, u kif deskritt fis-sejbiet proviżorji tal-Kummissjoni, il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għall-perjodu qabel il-perjodu kkunsidrat ma setgħetx tiġi kkunsidrata b'mod sinifikanti minħabba n-nuqqas ta' data affidabbli jew volatilità kbira fil-profitti fil-perjodu msemmi. Għalhekk, il-pretensjoni tal-ilmentatur għandha tiġi miċħuda.

(168) Barra minn hekk, l-ilmentatur iddikjara bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja li fl-istabbiliment tal-prezz fil-mira, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapplika kost ta' konformità prestabbilit għal kull industrija (li jirreferi għal rapport tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tal-kostijiet fl-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-Unjoni, li ġie ppubblikat fl-2016) fin-nuqqas ta' data kwantitattiva speċifika mit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(169) L-ewwel, u kif rikonoxxut mill-ilmentatur fis-sottomissjoni tiegħu, il-Kummissjoni tirrikjedi data kwantifikabbli u verifikabbli għall-kalkoli tagħha tal-kostijiet ta' konformità futuri, li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqsu milli jipproduċu f'dan il-każ kif stabbilit fil-premessi 364 sa 365 tar-Regolament proviżorju. Barra minn hekk, il-kalkolu tal-prezz mhux dannuż (inklużi r-R&Ż, l-innovazzjoni u l-kostijiet ta' konformità futuri) huwa eżerċizzju li jinvolvi ċifri individwalizzati tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Għalhekk ma jkunx possibbli li ċ-ċifri speċifiċi għall-kumpanija jiġu sostitwiti b'ċifri speċifiċi għas-settur bħala parti mill-eżerċizzju. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-pretensjoni tal-ilmentatur għandha tiġi miċħuda.

(170) Fl-aħħar nett, l-ilmentatur sostna li l-produtturi Ċiniżi jidhru li adottaw strateġija ta' pprezzar sinkronizzata, peress li l-marġnijiet tad-dannu kkalkulati għall-esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun juru allinjament kważi identiku, u dan iqajjem tħassib dwar prattiki antikompetittivi potenzjali. Peress li l-ilmentatur ma pprovda l-ebda evidenza sostanzjata biex isostni l-pretensjoni tiegħu, (li fi kwalunkwe każ ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament bażiku) il-Kummissjoni ma setgħetx teżaminaha u għalhekk għandha tiġi miċħuda. Il-pretensjoni ġiet imtennija mill-ilmentatur wara d-divulgazzjoni finali, madankollu xorta mingħajr l-ebda evidenza ta' sostenn.

(171) Kif stabbilit fil-premessi minn 113 sa 114 hawn fuq, il-prezz tal-esportazzjoni għall-kumpanija Tajlandiża ġie kkoreġut u sussegwentement il-Kummissjoni rrevediet il-marġni tad-dannu għat-Tajlandja. Għalhekk, il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu finali għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u għall-kumpaniji l-oħrajn kollha huwa kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv (%)	Marġni tad-dannu definittiv (%)
Iċ-Ċina	Jiangsu Sanmu Group Co., Ltd.	17,3	116
	Grupp Sinochem: — Jiangsu Ruiheng New Material Technology Co., Ltd. — Nantong Xingchen Synthetic Material Co., Ltd. — Jiangsu Kumho Yangnong Chemical Co., Ltd.	33,0	118,9

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv (%)	Marġni tad-dannu definittiv (%)
	Kumpaniji Ċiniżi oħrajn li kkooperaw	23,0	117,1
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	33,0	118,9
It-Tajwan	Chang Chun Plastics Co	10,8	105,8
	Nan Ya Plastics Corporation	11,0 %	96,5 %
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajwan	11,0	105,8
It-Tajlandja	Aditya Birla Chemicals (Thailand) Limited	29,9	71
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajlandja	29,9	71

6.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(172) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, jenħtieġ li d-dazji anti-dumping definittivi jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Iċ-Ċina	Jiangsu Sanmu Group Co., Ltd.	17,3
	Grupp Sinochem, li jikkonsisti fi — Jiangsu Ruiheng New Material Technology Co., Ltd. — Nantong Xingchen Synthetic Material Co., Ltd. — Jiangsu Kumho Yangnong Chemical Co., Ltd.	33,0
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	23,0
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	33,0
It-Tajwan	Chang Chun Plastics Co	10,8
	Nan Ya Plastics Corporation	11,0
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajwan	11,0
It-Tajlandja	Aditya Birla Chemicals (Thailand) Limited	29,9
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajlandja	29,9

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

7.1. **Kummenti dwar l-interess tal-Unjoni wara d-divulgazzjoni proviżorja**

(173) L-ERC argumentat li l-livell għoli ta' dazji se jimpedixxi l-aċċess tal-importazzjonijiet miċ-Ċina lejn l-Unjoni u tenniet li d-disponibbiltà mnaqqsa ta' reżini epossidiċi bi prezz kompetittiv tista' twassal għal kostijiet ogħla għall-industriji downstream li jiddependu fuq dawn l-inputs. Il-pretensjoni tal-ERC hija miċħuda b'referenza għat-Taqsima 7.4 tar-Regolament proviżorju, b'mod partikolari għall-premessi 391 u 392. Wara d-divulgazzjoni finali, l-ERC tenna l-argumenti tiegħu, filwaqt li qies l-analiżi tal-interess tal-Unjoni bħala żbilanċjata u appella għal valutazzjoni tal-impatt downstream speċifika, mingħajr ma ppreżenta l-ebda evidenza jew argument ġdid.

(174) Barra minn hekk, Aditya Birla ddikjarat li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping ikollha impatt negattiv fuq l-għanijiet tal-enerġija nadifa u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, peress li twassal għal kostijiet ogħla, tnaqqis fis-sigurtà tal-provvista, u timmina l-politiki ewlenin tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, u fl-aħħar mill-aħħar tikkontradixxi l-objettivi tal-Unjoni li żżid l-enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni. L-esportatur sostna wkoll li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun twassal ukoll għall-għeluq ta' faċilitajiet tal-produzzjoni ta' CTP, li hija affiljata tal-Unjoni ta' Aditya Birla.

(175) Għall-kuntrarju tal-pretensjoni ta' Aditya Birla u f'konformità mal-premessa 388 tar-Regolament proviżorju, in-nuqqas ta' miżuri (minflok l-impożizzjoni tagħhom) ikun ipoġġi f'periklu l-eżistenza tal-industrija tal-Unjoni fir-rigward tar-reżina epossidika u l-istabbiltà tal-provvista għall-industriji utenti. Id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fil-fatt tkun timmina l-isforzi tal-Unjoni biex tiżviluppa l-bażi industrijali affidabbli proprja tagħha biex tissodisfa l-għanijiet tal-enerġija rinnovabbli u tan-newtralità karbonika. Minbarra l-operazzjonijiet tal-affiljata tal-Unjoni ta' Aditya Birla, huwa mfakkar li minbarra l-kapaċità suffiċjenti disponibbli għall-produtturi tal-Unjoni hemm pajjiżi esportaturi kbar oħra bħall-Indja, il-Korea, jew l-Iżvizzera u l-produtturi tagħhom (inklużi Aditya Birla u l-produttur Indjan relatat ta' CTP) li jirrappreżentaw sorsi alternattivi ta' provvista u joħolqu kompetizzjoni b'saħħitha għall-industrija tal-Unjoni. It-tieni, l-importazzjonijiet Ċiniżi, Tajlandiżi u Tajwaniżi mhux se jinżammu milli jidħlu fl-Unjoni, iżda se jidħlu sempliċiment bi prezzijiet ġusti billi jħallsu d-dazji. Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, il-pretensjoni ta' Aditya Birla hija miċħuda.

(176) Bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali, Nan Ya sostniet (anki b'referenza għall-force majeure ddikjarata fl-impjant ta' Westlake għal wieħed mit-tipi ta' prodotti) li l-miżuri x'aktarx ma jipproteġux il-produzzjoni tal-Unjoni iżda jippermettu lill-kumpaniji lmentaturi li jissostitwixxu l-produzzjoni tar-reżina epossidika tal-Unjoni tagħhom bl-importazzjonijiet tagħhom stess mill-Istati Uniti, fejn il-kost tal-produzzjoni kien ferm aktar baxx. Nan Ya sostniet ukoll li l-miżuri żiedu r-riskju ta' mġiba antikompetittiva mill-akbar produtturi tal-Unjoni, b'referenza għall-involviment preċedenti ta' Westlake fl-attività ta' kartell fl-Unjoni u fir-Renju Unit.

(177) Il-pretensjonijiet ta' Nan Ya ma kinux akkumpanjati minn evidenza u għalhekk tqiesu bħala purament spekulattivi. L-esportatur naqas milli jissostanzja kif dikjarazzjoni temporanja ta' force majeure, dwar tip ta' prodott partikolari jew imġiba antikompetittiva fil-passat tal-produtturi tal-Unjoni, tista' tqajjem dubji jew tipprevali fuq l-interess ġenerali fl-impożizzjoni ta' miżuri ta' difiża kummerċjali mmirati lejn ir-restawr tal-kundizzjonijiet ekwi fis-settur tar-reżini epossidiċi. Għalhekk, il-pretensjonijiet ta' Nan Ya ġew miċħuda.

(178) Bi tweġiba għad-divulgazzjoni proviżorja, l-importatur mhux relatat De Monchy, li jiddistribwixxi r-reżini ta' Nan Ya, iddikjara mill-ġdid l-oppożizzjoni tiegħu kontra d-dazji anti-dumping li ġew introdotti għall-importazzjonijiet Tajwaniżi. Skont l-importatur, provvista ristretta minn Nan Ya minħabba l-miżuri tista' taffettwa b'mod negattiv lill-utenti finali, iżżid il-livell tal-prezz għall-prodotti finali, u tista' tirriżulta wkoll f'telf ta' negozju u persunal għall-importatur.

(179) Barra minn hekk, importatur mhux relatat ieħor tar-reżini minn Nan Ya tat-Tajwan u fl-istess ħin ukoll utent (QR Polymers) ippreżenta ruħu wara d-divulgazzjoni proviżorja, u sejjaħ għal kunsiderazzjoni mill-ġdid tas-sejbiet proviżorji. QR Polymers sostniet li għall-kuntrarju tal-konklużjoni proviżorja tal-Kummissjoni fil-premessa 389 tar-Regolament proviżorju, il-kumpanija ma kellhiex il-livell ta' profitt ippreżentat mill-Kummissjoni, il-proporzjon tal-kostijiet tal-epossi fuq il-kostijiet totali tal-kumpanija mhuwiex limitat, u s-sorsi alternattivi ta' provvista huma assenti jew mhumiex imħejjija biex ifornu l-kwantitajiet ta' reżini epossidiċi li se jkunu meħtieġa minn QR

Polymers. QR iddikjarat mill-ġdid il-pretensjoni tagħha wara d-divulgazzjoni finali, filwaqt li żiedet li l-kumpanija kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni b'data kwantitattiva dettaljata dwar il-prestazzjoni finanzjarja tagħha, rigward ix-xiri tagħha, dwar is-sehem tal-importazzjonijiet tax-xiri u tal-bejgħ tagħha. Skont QR Polymers, il-Kummissjoni kienet fil-pussess tad-data kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ta' QR Polymer. QR enfasizzat ukoll li l-ħsara kkawżata lil QR Polymers tinxtered tul il-katina tal-provvista, u pprovdiet lill-Kummissjoni b'ittri ta' appoġġ mill-klijent ta' QR Polymers, fornitur, manifattur b'kuntratt u wieħed mid-distributuri tiegħu.

(180) L-ewwel, peress li la De Monchy u lanqas QR Polymers ma kkompletaw kwestjonarju ddedikat tal-Kummissjoni b'data verifikabbli, li tkun tikkwantifika l-effett li d-dazji jkollhom fuq dawn il-kumpaniji rispettivi, il-pretensjonijiet imqajma huma purament spekulattivi u ma jistgħux jiġu vvalutati fuq il-merti tagħhom. QR Polymers ma wrietx li ma kinitx se tagħmel profitt u ma ssostanzjatx il-pretensjonijiet tagħha li ma setgħetx iddawwar għal forniturі oħra għajr Nan Ya, jew kif id-dazju ta' 11 % impost fuq Nan Ya kien se jaffettwa l-prestazzjoni tan-negozju tagħha. QR Polymers tirrappreżenta wkoll biss frazzjoni tal-industrija tar-reżina epossidika tal-Unjoni, u s-sitwazzjoni tagħha ma hijiex tali li tista' tbiddel l-analiżi tal-interess tal-Unjoni u l-konklużjonijiet ġenerali li waslet għalihom il-Kummissjoni fis-sejbiet proviżorji jew f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, l-ittri pprovduti bħala sostenn għall-argumenti tagħha jesprimu biss tħassib ġenerali dwar l-implikazzjonijiet tal-miżuri anti-dumping kontra Nan Ya u ġew ipprovduti biss f'forma kunfidenzjali. Fi kwalunkwe każ, tali dikjarazzjonijiet ġenerali ma setgħux jinvalidaw l-analiżi tal-interess tal-Unjoni mwettqa mill-Kummissjoni f'dan il-każ. Huwa mfakkar ukoll li QR Polymers ma pprovdiet l-ebda evidenza ssostanzjata dwar għaliex għandha tirċievi trattament individwalizzat speċjali (ara l-premessi 189 u 190 hawn taħt). It-tieni, kif stabbilit fil-premessa 393 tar-Regolament proviżorju, il-miżuri x'aktarx li jkollhom biss impatt insinifikanti (jekk ikun hemm) fuq l-importaturi peress li jistgħu jkomplu jimportaw reżina epossidika bi prezzijiet ġusti mill-pajjiżi kkonċernati (u l-esportaturi tagħhom, bħal Nan Ya) jew minn pajjiżi terzi oħra. Filwaqt li l-miżuri anti-dumping jistgħu jwasslu għal żieda fil-prezz tar-reżini epossidiċi u jista' jkollhom effett negattiv fuq l-importaturi u l-utenti, kif deskritt fil-premessa 391 tar-Regolament proviżorju, hija pprojettata biss żieda modesta fil-prezz bħala riżultat tad-dazji. Barra minn hekk, kwalunkwe korrezzjoni tal-prezzijiet tkun biss manifestazzjoni tar-restawr tal-kummerċ ġust f'sitwazzjoni fejn il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu mnaqqsa minn pressjoni 'l isfel li ġejja mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Għalhekk, il-pretensjonijiet tal-partijiet huma miċħuda.

(181) Barra minn hekk, fit-tweġiba tagħha għad-divulgazzjoni proviżorja, De Monchy sostniet li ħafna siti ta' produzzjoni aktar antiki fl-Unjoni jirrikjedu manutenzjoni sinifikanti, li jwassal għal dewmien jew nuqqasijiet potenzjali fil-provvista għall-utenti finali. Kif deskritt fil-premessa 387 tar-Regolament proviżorju, hemm pajjiżi kbar oħra li jesportaw ir-reżini epossidiċi lejn l-Unjoni, bħall-Indja, il-Korea, jew l-Iżvizzera, minbarra l-kapaċità suffiċjenti tal-produtturi tal-Unjoni u l-pajjiżi kkonċernati (li l-importazzjonijiet tagħhom jistgħu jidħlu fl-Unjoni bi prezzijiet ġusti). Barra minn hekk, De Monchy ma pprovda l-ebda evidenza sostanzjata li l-produtturi tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jissodisfaw id-domanda li ġejja mill-utenti tal-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ta' de Monchy hija miċħuda. Wara d-divulgazzjoni finali, QR Polymers argumentat li force majeure ddikjarata minn Westlake dwar il-produzzjoni tal-bisfenol F u l-waqfien tal-manifattura tal-ECH minn Westlake kienet turi l-fatt li l-impożizzjoni ta' miżuri kienet tiddeterjora, u ma ttejjibx is-sitwazzjoni tal-manifattura tar-reżina epossidika fl-Ewropa. Il-pretensjoni ta' QR Polymers ġiet miċħuda fuq il-bażi li force majeure temporanja fuq wieħed mit-tipi ta' prodotti jew waqfa fil-produzzjoni ta' materja prima upstream minn wieħed mill-produtturi fl-Unjoni ma jistgħux jaffettwaw materjalment is-sitwazzjoni tal-provvista fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-preżenza ta' provvisti minn produtturi oħra tal-Unjoni (eż. Olin) jew minn pajjiżi kkonċernati (eż. it-Tajwan jew it-Tajlandja) bi prezzijiet ġusti jew minn pajjiżi terzi oħra. Kemm QR Polymers kif ukoll De Monchy argumentaw ukoll b'referenza għat-tħabbira ta' Westlake biex jingħalaq l-impjant ta' produzzjoni tal-epossi likwidu fin-Netherlands fl-2025 li s-sitwazzjoni tas-suq tal-epossi fl-Ewropa nbidlet radikalment, u dan irriżulta f'nuqqas immedjat ta' disponibbiltà ta' reżini epossidiċi prodotti fl-Ewropa biex jaqdu s-suq tal-Unjoni. Skont dawn l-importaturi, it-telf tal-kapaċità ta' Westlake fl-Ewropa għandu jiġi kkumpensat minn importazzjoni mit-Tajwan filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina mill-ġdid id-determinazzjoni tagħha għall-importazzjonijiet Tajwaniżi sabiex timminimizza l-ħsara lis-suq Ewropew tal-epossi. Huwa enfasizzat li l-miżuri għandhom l-għan li jipproteġu l-interessi leġittimi tal-industrija kollha tal-Unjoni (li jinkludu sitt gruppi ta' produtturi kif stabbilit fil-premessa 249 tar-Regolament proviżorju), mhux biss l-interessi ta' kumpanija partikolari bħal Westlake. L-għeluq ta' wieħed mill-impjanti ma jistax jinvalida l-konklużjoni tal-Kummissjoni li s-sitwazzjoni tal-provvista għall-utenti u għall-importaturi fl-Unjoni mhijiex fil-periklu, fid-dawl tal-kapaċità sostanzjali li għadha teżisti fl-Unjoni u l-eżistenza ta' sorsi ta' provvista f'pajjiżi terzi, inklużi l-pajjiżi kkonċernati, bi prezzijiet ġusti. Barra minn hekk, jekk xejn, it-tħabbira dwar l-għeluq hija biss manifestazzjoni ta' effetti devastanti li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati (inkluż it-Tajwan) kellhom fuq waħda mill-produtturi ta' reżini epossidiċi tal-Unjoni u ssaħħaħ il-ħtieġa li jiġu imposti miżuri sabiex jiġu mħarsa l-impjiegi u l-produzzjoni fl-Unjoni. L-argumenti addizzjonali ta' QR Polymers u De Monchy għandhom għalhekk jiġu miċħuda.

(182) Bi tweġiba għad-divulgazzjoni finali, Akzo Nobel appellat lill-Kummissjoni biex tnaqqas jew tneħħi l-livell ta' dazju maħsub li jiġi impost fuq Chang Chun Plastics Co (CCP). Skont dan l-utent, dan il-livell ta' dazju jipperikola l-istabbiltà tal-provvista, inaqqas l-effiċjenza tal-produzzjoni, u jdgħajjef il-kompetittività tal-industrija tal-kisi tal-Unjoni.

(183) L-ewwel nett, il-marġni anti-dumping ta' CCP mhuwiex projbittiv u mhux se jipprekludi lil Akzo Nobel milli tkompli takkwista reżini epossidiċi minn CCP b'livelli ta' prezzijiet ġusti. Barra minn hekk, Akzo Nobel għandha għad-dispożizzjoni tagħha sorsi oħra disponibbli ta' provvista minn ġewwa jew minn barra l-Unjoni. It-tieni, qed issir referenza għall-premessa 380 tar-Regolament provviżorju, li ssib li l-utenti fl-industrija tal-kisi (inkluża wkoll Akzo Nobel) (i) gawdew minn marġnijiet ta' profitt kbar, (ii) il-proporzjon tal-kost tar-reżini epossidiċi fuq il-kost tal-produzzjoni tagħhom kien limitat u (iii) id-dħul tagħhom derivat minn prodotti li fihom l-epossi huwa limitat, u b'hekk jitnaqqas aktar l-impatt li l-miżuri se jkollhom b'mod ġenerali fuq l-industrija tal-kisi. Għaldaqstant, it-talba ta' Akzo Nobel ġiet miċħuda bħala mhux iġġustifikata.

(184) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ERC sostna li l-Kummissjoni interpretat b'mod selettiv ir-rati tal-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni. Skont l-ERC, il-Kummissjoni tagħmel żewġ proposti reċiprokament inkompatibbli li ma jistgħux ikunu vera simultanjament – minn naħa waħda l-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, li l-użu baxx tagħhom huwa evidenza ta' dannu materjali, u min-naħa l-oħra l-istess kapaċità hija ppreżentata bħala garanzija ta' provvista affidabbli ladarba d-dazji jkunu fis-seħħ.

(185) Ma hemm l-ebda kontradizzjoni fis-sejbiet tal-Kummissjoni stess, u lanqas ma hemm inkompatibbiltà. Fil-fatt, l-użu tal-kapaċità huwa wieħed mill-indikaturi eżaminati bħala parti mill-analiżi tad-dannu. Rata baxxa tal-użu tal-kapaċità li tirriżulta mill-pressjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ma tikkontradixxix is-sejba li hemm biżżejjed kapaċità tal-produzzjoni disponibbli fl-Unjoni, u li żieda potenzjali fil-provvista lill-industriji downstream hija possibbli wara l-impożizzjoni tal-miżuri. Għalhekk, l-argument tal-ERC ġie miċħud.

7.2. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(186) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha stabbilita fil-premessa 394 tar-Regolament proviżorju li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tar-reżini epossidiċi li joriġinaw miċ-Ċina, mit-Tajwan u mit-Tajlandja.

8. **TERMINAZZJONI U MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

(187) Minħabba l-fatt li ma ġie stabbilit l-ebda dumping rigward l-importazzjonijiet mill-Korea, il-proċediment fir-rigward tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Korea għandu jintemm.

8.1. **Miżuri definittivi**

(188) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(189) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, QR Polymers talab lill-Kummissjoni tagħti eżenzjoni mill-użu aħħari fuq ir-reżini epossidiċi importati minn QR Polymers mingħand Nan Ya mill-applikazzjoni tal-miżuri anti-dumping. QR tenniet l-pretensjoni tagħha wara d-divulgazzjoni finali, iżda mingħajr ma ressqet l-ebda evidenza ġdida.

(190) Fit-talba tiegħu, QR Polymers naqas milli jissostanzja fuq liema bażi u għal liema użu aħħari t-tipi ta' reżina epossidika importati mingħand Nan Ya għandhom ikunu soġġetti għal eżenzjoni mill-użu aħħari. Għalhekk, il-pretensjoni ta' QR Polymers għandha tiġi miċħuda.

(191) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Iċ-Ċina	Jiangsu Sanmu Group Co., Ltd.	17,3	116	17,3
	Grupp Sinochem: — Jiangsu Ruiheng New Material Technology Co., Ltd. — Nantong Xingchen Synthetic Material — Co., Ltd. — Jiangsu Kumho Yangnong Chemical Co., Ltd.	33,0	118,9	33,0
	Kumpaniji Ċiniżi oħrajn li kkooperaw	23,0	117,1	23,0
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	33,0	118,9	33,0
It-Tajwan	Chang Chun Plastics Co	10,8	105,8	10,8
	Nan Ya Plastics Corporation	11,0	96,5	11,0
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajwan	11,0	105,8	11,0
It-Tajlandja	Aditya Birla Chemicals (Thailand) Limited	29,9	71	29,9
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajlandja	29,9	71	29,9

(192) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, huma jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Għalhekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u li huwa prodott mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha" li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat rispettiv.

(193) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([27]). It-talba trid tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla fl-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(194) Biex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata din il-fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"importazzjonijiet l-oħrajn kollha" li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat rispettiv.

(195) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fil-pretensjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(196) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda li fiha mfisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li l-kundizzjonijiet biex isir dan jiġu ssodisfati. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(197) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, jenħtieġ li d-dazju anti-dumping għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat rispettiv japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(198) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tkun soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI; (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

8.2. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(199) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ammonti ggarantiti permezz tad-dazji anti-dumping proviżorji, imposti bir-Regolament proviżorju, jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.3. **Retroattività**

(200) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni soġġetti għal reġistrazzjoni.

([27]) Email: TRADE-TDI-NAME-CHANGE-REQUESTS@ec.europa.eu; European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussels, Belgium.

(201) Matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, ġiet ivvalutata d-data miġbura fil-kuntest tar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni analizzat jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku kinux issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(202) Il-Kummissjoni analizzat, fuq il-bażi tad-data ta' Sorveljanza, jekk kienx hemm xi żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kif previst mill-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku. Għal din l-analiżi, il-Kummissjoni qabblet:

(a) L-importazzjonijiet medji kull xahar mill-ewwel xahar sħiħ wara l-bidu sax-xahar sħiħ meta saret ir-reġistrazzjoni (Lulju 2024 – Ottubru 2024) mal-importazzjonijiet medji kull xahar fl-istess xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni;

(b) L-importazzjonijiet medji kull xahar mill-ewwel xahar sħiħ wara l-bidu sax-xahar sħiħ meta ġew adottati d-dazji proviżorji (Lulju 2024 – Frar 2025) mal-importazzjonijiet medji kull xahar fl-istess xhur fil-perjodu ta' investigazzjoni;

(c) L-importazzjonijiet medji fkull xahar mill-ewwel xahar sħiħ wara l-bidu sax-xahar sħiħ meta saret ir-reġistrazzjoni (Lulju 2024 – Ottubru 2024) mal-importazzjonijiet medji kull xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni kollu; u

(d) L-importazzjonijiet medji kull xahar mill-ewwel xahar sħiħ wara l-bidu sax-xahar sħiħ meta ġew adottati d-dazji proviżorji (Lulju 2024 – Frar 2025) mal-importazzjonijiet medji kull xahar fil-perjodu ta' investigazzjoni kollu.

(203) L-ebda wieħed mill-erba' paraguni deskritti hawn fuq ma wera żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell ta' importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(204) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv ma ġewx issodisfati.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(205) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]), meta ammont ikun irid jiġi rimborżat b'segwitu għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(206) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilita fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti li fihom aktar minn 35 % skont il-piż ta' reżini epossidiċi, magħrufa wkoll bħala reżini tal-epossidu jew poliepossidi, li huma polimeri jew prepolimeri li fihom gruppi epossidiċi reattivi, ibbażati fuq l-epikloroidrin u komponent alifatiku jew alkoħoliku aromatiku (bħall-BPA), f'forom solidi, semi-solidi jew likwidi, li għandhom it-tipi kollha ta' grad, purità, piż molekulari jew struttura molekulari, kemm jekk fihom modifikaturi, aġenti solidifikanti, jew addittivi kif ukoll jekk le, sakemm l-aġenti solidifikanti ma jkunux irreaġixxew kimikament sabiex jissolidifikaw ir-reżina epossidika jew jikkonvertuha fi prodott differenti li ma jkunx għad fih gruppi epossidiċi, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 2910 90 00, ex 3824 99 92, ex 3824 99 93, u ex 3907 30 00 (il-kodiċijiet TARIC 2910 90 00 05, 3824 99 92 96, 3824 99 93 10, 3907 30 00 05, 3907 30 00 20, u 3907 30 00 80), u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mit-Tajwan u mit-Tajlandja.

([28]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi mill-prodott deskritt fl-Artikolu 1(1):

— Ċerti prodotti taż-żebgħa u tal-kisi, li huma blends, taħlitiet, jew formulazzjonijiet oħra ta' reżina epossidika, aġent solidifikanti, u pigment, fi kwalunkwe forma, ippakkjati f'kontenitur wieħed jew aktar, fejn (1) il-pigment jirrappreżenta minimu ta' 10 fil-mija tal-piż totali tal-prodott, (2) ir-reżina epossidika tirrappreżenta massimu ta' 80 fil-mija tal-piż totali tal-prodott, u (3) l-aġent solidifikanti jirrappreżenta 5 sa 40 fil-mija tal-piż totali tal-prodott.

— Drappijiet jew fibri impregnati minn qabel, spiss imsejħa "prepregs", li huma materjali komposti magħmulin minn drappijiet jew fibri (tipikament karbonju jew ħġieġ) impregnati b'reżina epossidika.

— Blends ta' reżini epossidiċi ma' materjali oħrajn, li attwalment huma kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM għajr 2910 90 00, 3824 99 92, 3824 99 93, u 3907 30 00.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	Jiangsu Sanmu Group Co., Ltd.	17,3	89LO
	Grupp Sinochem: — Jiangsu Ruiheng New Material Technology Co., Ltd. — Nantong Xingchen Synthetic Material Co., Ltd. — Jiangsu Kumho Yangnong Chemical Co., Ltd	33,0	89LP
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	23,0	
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw miċ-Ċina	33,0	8999
It-Tajwan	Chang Chun Plastics Co	10,8	89LQ
	Nan Ya Plastics Corporation	11,0	89LR
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajwan	11,0	8999
It-Tajlandja	Aditya Birla Chemicals (Thailand) Limited	29,9	89LS
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mit-Tajlandja	29,9	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li tkun ħarġet tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga, abbozzata kif ġej: "*Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum f'unità li qed nużaw) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta.*." Sakemm tiġi ppreżentata din il-fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż rispettiv.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/393 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' reżini epossidiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, it-Tajwan u t-Tajlandja għandhom jinġabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata medja ponderata xierqa ta' dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni;

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 4

Il-proċediment anti-dumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) li joriġina mill-Korea huwa b'hekk itterminat.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi li kkoperaw u li ma ddaħħlux fil-kampjun fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Isem il-Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
Allnex Resins (China) Co., Ltd.	89LT
Chang Chun Chemical (JiangSu) Co., Ltd.	89LU
Chang Chun Chemical (Panjin) Co. Ltd.	89LV
Dalian Qihua New Material Co., Ltd.	89LW
Dongying Hebang Chemical Co., Ltd.	89LX
Fujian Huanyang New Material Co., Ltd.	89LY
Sinopec Hunan Petrochemical Co., Ltd.	89LZ
Techstorm Advanced Material Corporation Limited	89M0
Zhuhai Epoxy Base Electronic Material Co., Ltd.	89M1